# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/394

**tas-7 ta' Ottubru 2019**

**dwar il-miżuri SA.39119 (2016/C) (ex 2015/NN) (ex 2014/CP) implimentati mir-Repubblika Ellenika fil-forma ta' sussidji fuq l-imgħax u garanziji marbuta man-nirien tal-2007 (din id-deċiżjoni tkopri biss is-settur agrikolu)**

*(notifikata bid-dokument C(2019) 7094)*

**(It-test bil-Grieg biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tat-TFUE ([1]),

Billi:

### I. **PROĊEDURA**

(1) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni rċeviet ilment dwar l-allegata għajnuna mogħtija mill-Istat Grieg lil Sogia Ellas S.A. u s-sussidjarji tagħha (minn hawn 'il quddiem Sogia Ellas), li huma attivi fl-ipproċessar tal-prodotti agrikoli. L-għajnuna kienet tikkonsisti f'sussidji fuq l-imgħax u garanziji mill-Istat fuq self eżistenti li kellhom jiġu nnegozjati mill-ġdid b'perjodu ta' grazzja, u fuq self ġdid.

(2) B'ittra datata l-25 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-awtoritajiet Griegi dwar l-għajnuniet allegati. L-awtoritajiet Griegi wieġbu permezz ta' ittra tas-17 ta' Novembru 2014 li tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-bażijiet ġuridiċi tal-għajnuniet allegati. Il-Kummissjoni bagħtet it-tieni ittra lill-Greċja fil-11 ta' Diċembru 2015 li għaliha l-awtoritajiet Griegi wieġbu permezz ta' ittra datata l-11 ta' Frar 2016, irreġistrata fl-istess data. Fit-tweġiba tagħhom, l-awtoritajiet Griegi pprovdew informazzjoni addizzjonali dwar il-bażijiet ġuridiċi, il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna u l-benefiċjarji.

(3) Fl-ittra tagħha tal-11 ta' Diċembru 2015 il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Griegi li l-eżami inizjali tal-informazzjoni li huma kienu pprovdew wera li l-għajnuniet allegati kienu ngħataw mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-allegata għajnuna ma kinitx ristretta għal Sogia Ellas u s-sussidjarji tagħha, iżda fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni Griega setgħet ingħatat ukoll lil benefiċjarji oħrajn. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ każ ta' għajnuna mill-Istat mhux notifikat (il-Każ SA.39119 (2015/NN)) u li testendi l-ambitu tal-investigazzjoni tagħha sabiex tinkludi s-settur agrikolu kollu.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ("id-deċiżjoni tal-ftuħ") kienet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-16 ta' Settembru 2016 ([2]). Il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Griegi jipprovdu l-għadd stmat ta' benefiċjarji ta' kull skema identifikata fid-deċiżjoni tal-ftuħ u l-ammonti ta' għajnuna involuti. Inkella, kif iddikjarat fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni li jkollha fil-pussess tagħha. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar il-miżuri kkonċernati.

---

([1]) Stedina biex jiġu sottomessi l-kummenti skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE, Għajnuna mill-Istat SA.39119 (2016/C) (ex 2015/NN) (ex 2014/CP) — Għajnuna lil Sogia Ellas SA et al. (ĠU C 341, 16.9.2016, p. 23).

([2]) Ara n-nota 1.

(5) L-ebda parti interessata ma ppreżentat il-kummenti tagħha. L-awtoritajiet Griegi bagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ fit-23 ta' Settembru 2016. Fit-tweġiba tagħhom, l-awtoritajiet Griegi infurmaw lill-Kummissjoni li ma setgħux jipprovdu l-informazzjoni mitluba fid-deċiżjoni tal-ftuħ.

(6) Il-Kummissjoni tenniet it-talbiet lill-awtoritajiet Griegi biex jippreżentaw l-informazzjoni nieqsa permezz tal-ittri tat-2 ta' Diċembru 2016 u tal-15 ta' Jannar 2018. L-awtoritajiet Griegi ppreżentaw l-informazzjoni mitluba, rispettivament, permezz tal-ittri tad-9 ta' Marzu 2017 u tal-21 ta' Frar 2018.

(7) Id-deċiżjoni preżenti, bħad-deċiżjoni tal-ftuħ, tikkonċerna biss l-attivitajiet marbuta mal-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, jiġifieri prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE bl-eċċezzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u għall-forestrija, kif definit mill-Eurostat. Għalhekk hija mingħajr preġudizzju għall-għajnuniet possibbli mogħtija lil setturi oħra tal-ekonomija skont l-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni.

## II. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI

### 1. Objettiv

(8) L-objettiv tal-miżuri kien li jgħinu lill-impriżi stabbiliti u li joperaw, irrispettivament mis-sede reġistrata tagħhom, fiż-żoni tal-Greċja affettwati min-nirien tal-2007. Skont l-awtoritajiet Griegi, l-għan usa' kien li terġa' tiġi stabbilita l-kapaċità produttiva, li kienet ġiet affettwata b'mod serju min-nirien.

### 2. Bażi Ġuridika

(9) Il-bażijiet ġuridiċi għall-għajnuniet allegati jinsabu fid-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007) tal-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi, kif emendata u supplimentata bid-Deċiżjoni Nru 38600/B.1750/5-9-2007 (OJHR 1780/B'/5-9-2007), id-Deċiżjoni Nru 46082/B.2123/24-10-2007 (OJHR 2139/B'/2-11-2007), id-Deċiżjoni Nru 6391/B.342/8-2-2008 (OJHR 242/B'/14-2-2008), id-Deċiżjoni Nru 34227/B.1123/23-7-2008 (OJHR 1548/B'/5-8-2008), id-Deċiżjoni Nru 57198/B.2406/28-12-2012 (OJHR 3462/B'/28-12-2012), kif ukoll l-Artikolu 2, il-paragrafu 7 tal-Liġi Nru 3816/2010 (OJHR 6/A'/26.1.2010) u l-Artikolu 21, il-paragrafu 5 tal-Liġi Nru 3867/2010 (OJHR 128/A'/3.8.2010).

(10) Il-kundizzjonijiet li taħthom ingħatat il-garanzija tal-Istat Grieg skont id-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007), kienu stabbiliti f'aktar dettall fid-Deċiżjoni Nru 2/54310/0025/13.9.2007 (OJHR B' 1858/13.9.2007) tal-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi. Dik id-deċiżjoni ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 2/86490/0025/31.12.2007 (OJHR B' 2493/31.12.2007) tad-Deputat Ministru tal-Finanzi, id-Deċiżjoni Nru 2/57144/0025/20.8.2008 (OJHR B' 1732/28.8.2008), id-Deċiżjoni Nru 2/22475/0025/25.4.2012 (OJHR B' 1346/25.4.2012) tal-Ministru tal-Finanzi u d-Deċiżjoni Nru 2/52027/0025/30.8.2012 (OJHR B' 2404/30.8.2012) tad-Deputat Ministru tal-Finanzi u d-Deċiżjoni Nru 2/1755/0025/20.2.2013 (OJHR B' 465/27.2.2013) tad-Deputat Ministru tal-Finanzi. Id-Deċiżjoni Nru 2/1755/0025/20.2.2013 ġiet emendata ulterjorment bid-Deċiżjoni Nru 2/38310/0025/14.5.2014 (OJHR B' 1262/16.5.2014) u d-Deċiżjoni Nru 2/43758/0025/29/06/2015 (OJHR B' 1289/29.6.2015), li għalhekk huma rilevanti għad-deċiżjoni preżenti.

### 3. Miżuri

(11) Fil-25 ta' Awwissu 2007 il-Ministru Grieg tal-Intern, l-Amministrazzjoni Pubblika u d-Deċentralizzazzjoni ddikjara stat ta' emerġenza fil-pajjiż kollu permezz tad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 47870/25.8.2007 (OJHR 1706/B'/25.8.2007) minħabba n-nirien ta' Lulju u Awwissu tal-2007, li faqqgħu fil-Prefetturi ta' Messinia, Ilia, Arcadia, Laconia, Euboea u fid-distrett ta' Aigialeia fil-Prefettura ta' Achaia.

(12) L-awtoritajiet Griegi qalu li l-firxa u l-kobor tal-qerda kkawżata min-nirien f'dawk iż-żoni kienu kbar ħafna u rriżultaw fit-telf ta' ħajjiet umani u ta' popolazzjonijiet tal-annimali, u fid-devastazzjoni tal-kampanja, kemm foresta kif ukoll raba', u tal-infrastruttura, b'effetti estremament serji fuq l-ekonomija lokali. L-iskala tal-fenomenu kienet tali li ġiet ikklassifikata mill-awtoritajiet Griegi bħala diżastru skont it-tifsira tal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE, kif jidher fil-graffs rilevanti tal-Kummissjoni, li rreferew għalihom l-awtoritajiet Griegi fil-komunikazzjoni tagħhom ma' dik l-Istituzzjoni ([3]).

([3]) Rapport Nru 10: "JRC, Rapporti Xjentifiċi u Tekniċi – Nirien fil-Foresti fl-Ewropa 2009", Graff 13a: "Żoni maħruqa fil-Greċja għal dawn l-aħħar 30 sena", p. 29, disponibbli fuq http:/forest.jrc.ec.europa.eu/media/cms_page_media/9/forest-fires-in-europe-2009.pdf; il-preżentazzjoni taż-żoni maħruqa fil-Greċja fl-2007, fil-livell Nuts 3, skont is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti (EFFIS), il-Kummissjoni Ewropea – Ċentru Konġunt tar-Riċerka, disponibbli fuq: http://forest.jrc.ec.europa.eu/effis/applications/fire-history.

(13) Sabiex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni, il-Ministru Grieg tal-Ekonomija u l-Finanzi adotta d-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007) ([4]), li suċċessivament ġiet emendata u ssupplimentata. Dik id-Deċiżjoni kellha t-titlu "Self għall-kapital operatorju u faċilitajiet ta' kreditu oħra lil negozji u professjonisti li kienu affettwati min-nirien tas-sena 2007 fil-Prefetturi ta' Messinia, Ilia, Arcadia, Laconia, Euboea u d-distrett ta' Aigialeia f' [il-Prefettura ta'] Achaia".

(14) Id-Deċiżjoni stabbiliet żewġ skemi ta' għajnuna mill-Istat ([5]), kif ġej:

(a) skema li tipprovdi għall-arranġament tad-djun akkumulati sal-25 ta' Awwissu 2007, kemm dawk li suppost tħallsu kif ukoll dawk li le ([6]) (magħrufa għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni bħala "skema A"), li kienet tikkonsisti mill-kapitalizzazzjoni tad-djun li sussegwentement ġew mibdula f'self ġdid u li kienet tinvolvi l-għoti ta' "perjodu ta' grazzja", sussidji fuq l-imgħax u garanziji mill-Istat;

(b) skema li tkopri self ġdid għall-kapital operatorju, li għandu jingħata wara l-25 ta' Awwissu 2007, li għalih jistgħu jingħataw sussidji fuq l-imgħax u garanziji mill-Istat ([7]) (magħrufa għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni bħala "skema B").

(15) B'mod partikolari, id-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007) iddikjarat dan li ġej:"L-arranġament tad-dejn u l-għoti ta' kapital operatorju lin-negozji u l-professjonijiet li jinsabu u li joperaw fil-Prefetturi ta' Messinia, Ilia, Arcadia, Laconia, Euboea, u fid-distrett ta' Aigialeia tal-Prefettura ta' Achaia li kienu affettwati min-nirien fl-2007.

*A.Arranġament tad-dejn*

Id-djun kollha, dovuti u mhux dovuti, sal-25 ta' Awwissu 2007 ta' negozji u professjonisti affettwati min-nirien matul is-sena 2007 għandhom jiġu kapitalizzati u mibdula f'self ġdid b'perjodu ta' grazzja ta' 28 xahar. L-ewwel pagament għandu jitħallas fil-31 ta' Diċembru 2009. Il-bqija tas-self għandu jitħallas f'pagamenti ndaqs ta' kull sitt xhur (amortizzament tal-kapital u tal-imgħax). It-tul kollu tal-arranġament tas-self għandu jkun ta' għaxar snin, inkluż il-perjodu ta' grazzja. L-imgħax pagabbli fuq is-self fil-perjodu ta' grazzja għandu jkun issussidjat għal 100 % mill-kont stabbilit skont il-Liġi 128/1975 u għall-bqija tal-perjodu tas-self għal 50 %.

Ir-rata tal-imgħax ta' arranġament tad-dejn għandha tkun ir-rata tal-aħħar ħruġ tal-bonds tat-Teżor Grieg ta' tnax-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu tal-imgħax, miżjuda b'70 % tal-kontribuzzjoni sħiħa skont il-Liġi 128/1975. Ir-rata tas-sussidju għandha titqarreb 'il fuq/'l isfel sal-eqreb kwart ta' punt.

Għall-kapital u l-imgħax fuq is-self imsemmi hawn fuq, il-garanzija tal-Gvern Grieg għandha tiġi pprovduta skont il-Liġi 2322/1995, kif fis-seħħ.

*B.L-għoti ta' self għall-kapital operatorju għan-negozji u għall-professjonisti*

Il-kapital operatorju jista' jingħata mill-istituzzjonijiet ta' kreditu skont id-dispożizzjonijiet korrispondenti li jirregolaw il-ħtiġijiet u l-kapital operatorju tal-Att Nru 1955/*2.7.1991 tal-Gvernatur tal-Bank tal-Greċja, kif fis-seħħ. Dan is-self se jkun issussidjat mill-kont stabbilit skont il-Liġi 128/1975 kif ġej:*

a. għal self sa EUR 5 000, sussidju fuq l-imgħax ta' 100 %.

b. għal self sa EUR 20 000, sussidju fuq l-imgħax ta' 80 %.

c. għal self sa EUR 60 000, sussidju fuq l-imgħax ta' 50 %.

d. għal self sa EUR 90 000, sussidju fuq l-imgħax ta' 30 %.

L-ammont tas-sussidju fuq l-imgħax se jkun l-istess għall-ammont kollu tas-self.

---

([4]) Din id-Deċiżjoni ġiet suċċessivament emendata u ssupplimentata, kif spjegat hawn fuq fil-premessi 9 u 10.
([5]) Fejn meħtieġ iż-żewġ skemi qed jiġu distinti fid-deċiżjoni preżenti bħala "skema A" u "skema B". Inkella, id-deċiżjoni tirreferi sempliċiment għal "l-iskemi".
([6]) Ara hawn taħt il-punt A tad-Deċiżjoni, il-premessa 15.
([7]) Ara hawn taħt il-punt B tad-Deċiżjoni, il-premessa 15.

Dan is-self se jingħata sa ammont massimu ta' 35 % tal-fatturat tal-kumpanija għas-sena 2006 u se jkun għal durata ta' 60 xahar.

Ir-rata tal-imgħax għas-self imsemmi hawn fuq għandha tkun ir-rata tal-aħħar ħruġ tal-bonds tat-Teżor Grieg ta' tnax-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu tal-imgħax, miżjuda b'70 % tal-kontribuzzjoni sħiħa skont il-Liġi 128/1975. Ir-rata tas-sussidju għandha titqarreb 'il fuq/'l isfel sal-eqreb kwart ta' punt.

Għandu jiġi nnutat li l-fatturat tan-negozji li ma għamlu l-ebda bejgħ fis-sena ta' qabel l-2006 jew li bdew l-operat tagħhom mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Awwissu 2007 se jiġi ddeterminat mix-xiri li sar matul l-ewwel sitt xhur tal-operat fl-2007 multiplikat bi tnejn (2) u l-ammont se jiġi stabbilit wara li jitqies il-proporzjon tal-profitt gross ta' 45 %.

Għall-kapital u l-imgħax fuq is-self imsemmi hawn fuq, il-garanzija tal-Gvern Grieg għandha tiġi pprovduta skont il-Liġi 2322/1995, kif fis-seħħ."

(16) Id-Deċiżjoni Nru 38600/B.1750/5-9-2007 (OJHR 1780/B'/5-9-2007) emendat it-titolu u l-korp tad-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007). It-titolu l-ġdid jaqra "Self għall-kapital operatorju u faċilitajiet oħra ta' kreditu lil negozji u professjonisti fil-Prefetturi ta' Messinia, Ilia, Arcadia, Laconia, Euboea u fid-distrett ta' Aigialeia f' [il-Prefettura ta'] Achaia". Fi kliem ieħor, il-frażi: "*li kienu affettwati min-nirien tas-sena 2007*", li kienet tirreferi għall-benefiċjarji tal-iskemi ta' għajnuna u li b'hekk apparentement irrestrinġew l-ambitu tal-iskemi ta' għajnuna għall-benefiċjarji li fil-fatt ġew affettwati min-nirien, tħassret mit-titolu tal-bażi ġuridika.

(17) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni Nru 38600/B.1750/5-9-2007 (OJHR 1780/B'/5-9-2007) żiedet sentenza, enfasizzata fl-estratt li ġej, mal-ewwel sentenza tal-Kapitolu A tad-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007):*A. Arranġament tad-dejn*

Id-djun kollha, dovuti u mhux dovuti, sal-25 ta' Awwissu 2007 tan-negozji u l-professjonisti **fil-prefetturi msemmija hawn fuq, liema prefetturi kienu** *affettwati min-nirien matul is-sena 2007, għandhom jiġu kapitalizzati u mibdula f'self ġdid b'perjodu ta' grazzja ta' 28 xahar. L-ewwel pagament għandu jitħallas fil-31 ta' Diċembru 2009.* [l-enfasi miżjuda]

(18) Dawk iż-żewġ emendi flimkien wasslu biex ir-rekwiżit li l-ħsara mġarrba mill-benefiċjarji kellha tkun ikkawżata min-nirien tal-2007 ma japplikax aktar għall-benefiċjarji, iżda sempliċiment għall-Prefetturi li fihom dawn kienu stabbiliti u joperaw, irrispettivament mis-sede reġistrata tagħhom. Dik il-konklużjoni hija msaħħa mit-tweġiba tal-awtoritajiet Griegi għal mistoqsija li għamlet il-Kummissjoni fl-ittra tagħha tal-11 ta' Diċembru 2015, jiġifieri jekk il-kumpens lill-benefiċjarji ġiex ipprovdut għall-ħsara li ġarrbu bħala konsegwenza diretta tan-nirien. Fit-tweġiba tagħhom tal-11 ta' Frar 2016, l-awtoritajiet Griegi insistew fuq in-natura universali u bla preċedent tan-nirien li rriżultaw fi ħsara għall-impriżi sempliċiment għaliex kellhom attivitajiet ta' produzzjoni fiż-żoni affettwati.

(19) Id-Deċiżjonijiet u l-Liġijiet l-oħra msemmija fil-premessa 9 komplew jemendaw u jissupplementaw id-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007). Id-Deċiżjoni Nru 46082/B.2123/24-10-2007 (OJHR 2139/B'/2-11-2007) fost l-oħrajn kienet tipprevedi li:

(a) *Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu fl-aħħar tal-Kapitolu A [tad-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (GG II 1740/30-8-2007)] ""Arranġament tad-dejn":*

*"L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jimplimentaw l-arranġamenti msemmija hawn fuq mingħajr il-garanzija tal-Istat Grieg, sas-somma ta' EUR 25 000 000 għal kull negozju. In-negozji kummerċjali u l-professjonisti jistgħu jirranġaw somom sa EUR 100 000.*

Fejn in-negozji japplikaw biex jirranġaw id-djun ta' aktar minn EUR 100 000 u sa EUR 25 000 000, għandu jiġi pprovdut studju tal-vijabbiltà lill-istituzzjoni ta' kreditu fejn għandhom l-aktar djun, biex jiġi vvalutat minn dik l-istituzzjoni ta' kreditu.

Dawn li ġejjin mhumiex regolati mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu A:

— self ta' negozji/professjonisti diġà inkluż fil-klawżoli tal-arranġamenti skont il-Liġi 128/1975 li huma fis-seħħ, sakemm dawk in-negozji jew professjonisti ma jkunux sofrew b'mod ċar ħsara min-nar lill-bini fl-istabbiliment tagħhom, lil tagħmir mekkaniku, lil materja prima jew lill-prodotti tagħhom. Biex jikkonfermaw din il-ħsara, huma jkollhom jipproduċu ċertifikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Awtoritajiet tal-Prefettura tagħhom,

— self ta' negozji/professjonisti meħud kontra t-trasferiment tad-dritt għal għotja ta' programm ta' investiment abbażi ta' skemi ta' appoġġ mill-Istat,

— *self ta' negozji/professjonisti li huwa inkluż fi skema ta' finanzjament, li abbażi tagħha l-investiment jitqies parti minn skema ta' appoġġ mill-Istat."*

(b) *Iż-żewġ paragrafi li ġejjin jiżdiedu fl-aħħar tal-Kapitolu B [tad-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (GG II 1740/30-8-2007)] "L-għoti ta' self għall-kapital operatorju lin-negozji u lill-professjonisti":*

*"Id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq tal-Kapitolu B jkopru n-negozji u l-professjonisti li kienu koperti minn għotjiet għal programmi ta' investiment taħt ir-reġim tal-għajnuna mill-Istat, sakemm il-proġett ta' investiment ikun tlesta.*

Id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq tal-Kapitoli A u B jkopru kemm negozji kif ukoll professjonisti li jinsabu u li joperaw fl-unitajiet muniċipali ta' Aigio, Akrata, Diakopto, Sympoliteia, Erineos u Aigeira tad-distrett ta' Aigialeia tal-Prefettura ta' Achaia u fl-unitajiet muniċipali ta' Eleios-Pronnoi u Livathos fil-Prefettura ta' Kefallinia."

(20) Id-Deċiżjoni Nru 6391/B.342/8-2-2008 (OJHR 242/B'/14-2-2008) emendat l-ammont (minn EUR 100 000 għal EUR 150 000) li għalih impriżi li jixtiequ jerġgħu jinnegozjaw id-djun tagħhom kellhom jissottomettu studju tal-vijabbiltà. Barra minn hekk estendiet aktar l-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' talbiet bħal dawn mill-31 ta' Diċembru 2007 sal-31 ta' Marzu 2008.

(21) Id-Deċiżjoni Nru 34227/B.1123/23-7-2008 (OJHR 1548/B'/5-8-2008) estendiet l-ambitu ġeografiku tal-iskemi, kif deskritt fil-premessa 25, u reġgħet estendiet l-iskadenza għall-applikazzjoni biex tipparteċipa fl-iskema sal-31 ta' Awwissu 2008.

(22) Id-Deċiżjoni Nru 57198/B.2406/28-12-2012 (OJHR 3462/B'/28-12-2012) emendat l-iskemi biex tippermetti lill-benefiċjarji li ma kinux irċevew il-garanzija mill-Istat biex jitolbu s-sospensjoni tar-ripagament tad-dejn tagħhom għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012. Il-mutwatarji kienu responsabbli għall-imgħaxijiet akkumulati matul il-perjodu ta' sospensjoni. Il-benefiċjarji setgħu japplikaw mal-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jagħmlu użu minn dik id-dispożizzjoni sat-28 ta' Frar 2013.

(23) Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-garanzija mill-Istat, dawk kienu deskritti fid-dettall fid-Deċiżjoni Nru 2/54310/0025/13.9.2007 (OJHR B' 1858/13.9.2007), li l-partijiet rilevanti tagħha jaqraw kif ġej:

1) L-Istat Grieg se jipprovdi garanzija sa 80 % biex jagħmel arranġamenti għad-djun, kemm jekk dovuti kif ukoll jekk le, sal-25 ta' Awwissu 2007 minn self mogħti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu lil professjonisti u negozji stabbiliti u li joperaw, irrispettivament mill-post fejn in-negozju jkollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu, fil-Prefetturi ta' Messinia, Ilia, Arcadia, Laconia, Euboea u fid-distrett ta' Aigialeia tal-Prefettura ta' Achaia, il-muniċipalitajiet li kienu affettwati min-nirien fl-2007, f'self ġdid li għandu jitħallas lura f'pagamenti ndaqs ta' kull sitt xhur (amortizzament tal-kapital u tal-imgħax), b'perjodu ta' grazzja mill-25 ta' Awwissu 2007 sal-31 ta' Diċembru 2009. It-tul ta' żmien totali tas-self skont l-arranġament se jkun ta' għaxar (10) snin inkluż il-perjodu ta' grazzja. L-ewwel pagament ta' dan is-self se jitħallas fit-30 ta' Ġunju 2010.Ir-rata tal-imgħax tas-self skont l-arranġament għandha tkun sussidjata u stabbilita skont it-termini tad-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/*27.8.2007 tal-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi.*

Il-garanzija tal-Istat Grieg se tiġi applikata għal 80 % tad-dejn irranġat u tal-imgħax fuq dawk id-djun sa ammont ta' EUR 20 000 000,00 għal kull negozju.

Il-garanzija tal-Istat Grieg se tingħata wkoll għal negozji kummerċjali [persuni fiżiċi], membri reġistrati tal-Kmamar tal-Kummerċ u l-professjonisti ta' dawn il-Prefetturi, li d-djun tagħhom li għandhom jiġu ristrutturati ma jaqbżux is-somma ta' EUR 100 000,00.

L-imgħax għall-perjodu ta' grazzja huwa kapitalizzat fil-31 ta' Diċembru 2009, filwaqt li l-ewwel pagament tas-self se jitħallas fit-30 ta' Ġunju 2010.

Fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' tliet pagamenti suċċessivi ta' amortizzament bl-imgħax korrispondenti jew tliet pagamenti kapitali u tal-imgħax li jiġu mill-arranġament ta' hawn fuq, l-ammont sħiħ tad-djun irranġati għandu jsir dovut u pagabbli. Sabiex ikollhom il-pretensjonijiet garantiti tagħhom imħallsa mill-Istat, wara li jgħaddu tliet xhur mit-tielet pagament, il-banek iridu jissottomettu d-dokumenti ta' sostenn imsemmija fid-Deċiżjoni Nru 2/478/0025/*4.1.2006 (GG II 16/13.1.2006) tal-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi.*

2) L-Istat Grieg għandu jipprovdi garanzija ta' 80 % għall-għoti ta' self għall-kapital operatorju li jdum ħames snin, inkluż il-perjodu ta' grazzja, lill-professjonisti u n-negozji, li huma rreġistrati u joperaw, irrispettivament mill-post fejn in-negozju għandu l-uffiċċju reġistrat tiegħu, fil-Prefetturi ta' Messinia, Ilia, Laconia, Euboea u fid-distrett ta' Aigialeia tal-Prefettura ta' Achaia, li kienu affettwati min-nirien fl-2007.

Ir-rata tal-imgħax tas-self imsemmi hawn fuq hija ssussidjata u stabbilita skont it-termini tad-Deċiżjoni Nru 36579/ B.1666/*27.8.2007 mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi.*

Dan is-self se jingħata lin-negozji kollha f'dawn il-Prefetturi sa massimu ta' 35 % tal-fatturat tal-kumpanija għas-sena 2006 u ammont massimu ta' self ta' EUR 90 000,00 għal kull negozju. Il-fatturat ta' negozji li ma għamlux bejgħ fis-sena ta' qabel (l-2006) jew li bdew l-operazzjonijiet bejn l-1 ta' Jannar 2007 u s-27 ta' Awwissu 2007 se jkun determinat bix-xiri li sar matul l-ewwel sitt xhur ta' operazzjonijiet fl-2007 multiplikat bi tnejn (2) u l-ammont se jkun stabbilit wara li jitqies proporzjon tal-profitt gross ta' 45 %.

Dan is-self se jitħallas lura f'pagamenti ndaqs ta' kull sitt xhur ta' kapital u imgħax, b'perjodu ta' grazzja għall-kapital mid-data tal-iżborż sal-31 ta' Diċembru 2009. L-ewwel pagament se jitħallas fit-30 ta' Ġunju 2010. Il-parti mhux sussidjata tal-imgħax fil-perjodu ta' grazzja se titħallas min-negozji.

Dan is-self se jkun amministrat permezz ta' ftehim ta' self ġdid u separat. Għas-self imsemmi hawn fuq, l-Istat Grieg se jipprovdi garanzija għal 80 % tal-kapital u l-imgħax korrispondenti fil-perjodu ta' grazzja u fil-perjodu normali għan-negozji kollha.

(…)

Dokumenti ta' sostenn meħtieġa:

(…)

(v) Studju tal-vijabbiltà flimkien mal-kollateral fiżiku propost (biss għan-negozji li japplikaw għal arranġament ta' dejn għal ammont ta' aktar minn EUR 100 000,00).

L-istudju inkwistjoni għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-obbligazzjonijiet totali tal-kumpanija wara li jkun tħallas id-dejn tagħha lis-sistema ta' kreditu, il-fornituri tagħha, il-fondi ta' assigurazzjoni, il-gvern u s-suq ġenerali kif ukoll ftehimiet dwar arranġamenti għall-ħlas lura ta' dawk l-obbligazzjonijiet;

(b) il-kontijiet ippubblikati tal-kumpanija għal dawn l-aħħar tliet snin (kumpaniji li jżommu kontijiet tat-tip B iridu jissottomettu l-formoli E3 u E9 għall-aħħar tliet snin);

(c) l-iskeda tal-fluss tal-flus tal-kumpanija għat-tliet snin li ġejjin (dħul u ħlasijiet);

(d) l-estimi tad-dħul u tal-profitti tal-kumpanija għat-tliet snin li ġejjin;

(e) il-kapital operatorju meħtieġ biex jitmexxa n-negozju u s-sorsi ta' finanzjament;

(f) il-kollateral eżistenti, ir-ristrutturar propost ta' kollateral eżistenti li jkopri dejn imħallas, u kollateral fiżiku ġdid propost għal djun li għandhom jiġu mħallsa (biss jekk id-djun jaqbżu EUR 100 000,00).

*B.Kumpaniji u professjonisti fil-prefetturi ta' hawn fuq li japplikaw biss għal self ġdid għall-kapital operatorju wara n-nirien tal-foresti għandhom jibagħtu l-applikazzjonijiet tagħhom lill-Uffiċċju tal-Kontijiet Ġenerali tal-Istat, id-Direttorat 25, it-Taqsima D, flimkien mad-dokumenti ta' appoġġ li ġejjin:*

(a) il-kontijiet ippubblikati tal-kumpanija għal dawn l-aħħar tliet snin (kumpaniji li jżommu kontijiet tat-tip B iridu jissottomettu l-formoli E3 u E9 għall-aħħar tliet snin);

(b) l-iskeda tal-fluss tal-flus tal-kumpanija għat-tliet snin li ġejjin (dħul u ħlasijiet);

(c) l-estimi tad-dħul u tal-profitti tal-kumpanija għat-tliet snin li ġejjin;

(d) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni mal-Kamra tal-Prefettura li fiha l-kumpanija hija stabbilita (il-professjonisti u l-bdiewa li jrabbu l-bhejjem għandhom jissottomettu ċertifikat tal-bidu tal-attività mill-uffiċċju lokali tat-taxxa);

(e) *il-formola rilevanti, mimlija u ffirmata, tal-Uffiċċju tal-Kontijiet Ġenerali tal-Istat għal "Valutazzjoni tal-vijabbiltà tan-negozji li japplikaw għal garanzija tal-gvern Grieg"li hija disponibbli fuq is-sit web tiegħu (www.mof-glk.gr).*

L-għoti ta' kollateral fiżiku mhuwiex meħtieġ biex ikopri self ġdid għall-kapital operatorju għall-kategoriji kollha ta' negozji.

L-applikazzjonijiet u l-istudji tal-vijabbiltà se jiġu evalwati mill-Bord tal-Immaniġġjar u l-Valutazzjoni tar-responsabbiltà għall-garanziji mill-Istat Grieg (l-Artikolu 37 tal-Liġi 3458/2006, GG I 94/*8.5.2006), qabel l-approvazzjoni finali tal-għoti tal-garanzija skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u Komunitarja (l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE) flimkien mal-kollateral eżistenti u propost, li se jkopru bis-sħiħ id-dejn li għandu jiġi rranġat (fejn meħtieġ).*

(24) L-Artikolu 2, il-paragrafu 7 tal-Liġi Nru 3816/2010 (OJHR 6/A'/26.1.2010), kif emendat bl-Artikolu 21, il-paragrafu 5 tal-Liġi Nru 3867/2010 (OJHR 128/A'/3.8.2010) ta d-dritt lill-benefiċjarji tas-self meħud abbażi tad-Deċiżjoni Nru 2/54310/0025/13.9.2007 (OJHR B' 1858/13.9.2007) biex jitolbu sat-30 ta' Awwissu 2010, b'mod retroattiv sa mill-1 ta' Jannar 2010 għal sospensjoni ta' sentejn (2) tal-ħlas ta' amortizzament tal-kapital b'estensjoni korrispondenti tat-terminu kuntrattwali tas-self u b'pagamenti tal-imgħax matul is-sospensjoni skont il-frekwenza tal-ħlas tal-imgħax prevista fil-kuntratt. Il-persuni li kellhom iħallsu l-imgħax kienu l-mutwatarji. Id-Deċiżjoni Nru 2/22475/0025/25.4.2012 (OJHR B' 1346), kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2/52027/0025/30.8.2012 (OJHR B' 2404) u d-Deċiżjoni Nru 2/1755/0025/20.2.2013 (OJHR B' 465/27.2.2013), ippermettiet li dik is-sospensjoni tiġi estiża mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 abbażi ta' talba għal dak il-għan ippreżentata sat-28 ta' Frar 2013 lill-istituzzjoni finanzjarja. Id-Deċiżjoni Nru 2/38310/0025/14.5.2014 (OJHR B' 1262/16.5.2014) ippermettiet sospensjoni ulterjuri mill-31 ta' Diċembru 2013 sal-31 ta' Diċembru 2014 filwaqt li d-Deċiżjoni Nru 2/43758/0025/29.6.2015 (OJHR B' 1289/29.6.2015) ippermettiet sospensjoni oħra għas-self li tintemm wara l-1 ta' Jannar 2017 mill-31 ta' Diċembru 2013 sal-31 ta' Diċembru 2016.

## 4. **Ambitu ġeografiku tal-miżuri**

(25) L-iskemi ta' għajnuna inizjalment kienu japplikaw għall-Prefetturi ta' Messinia, Ilia, Arcadia, Laconia, Euboea u d-distrett ta' Aigialeia fil-Prefettura ta' Achaia. Sussegwentement ġew estiżi biex japplikaw ukoll għall-muniċipalitajiet ta' Aigio, Akrata Diakoptou, Sumpoliteias, Erineou kai Aigeiras fiż-żona ta' Aigeira fil-Prefettura ta' Achaia, kif ukoll għall-muniċipalitajiet ta' Eleiou-Pronon kai Leivathous tal-Prefettura ta' Kefallinia, skont id-Deċiżjoni Nru 46082/B.2123/24-10-2007 (OJHR 2139/B'/2-11-2007) u speċifikament għall-garanziji mill-Istat skont id-Deċiżjoni Nru 2/86490/0025/31.12.2007 (OJHR B' 2493/31.12.2007), u għall-muniċipalitajiet ta' Argalasti u Afeton, u l-insedjamenti ta' Agia Paraskevi, Zormiadon, Porou u Troulou tal-muniċipalità ta' Skiathos fil-Prefettura ta' Magnisia, skont id-Deċiżjoni Nru 34227/B.1123/23-7-2008 (OJHR 1548/B'/5-8-2008) u speċifikament għall-garanziji mill-Istat skont id-Deċiżjoni Nru 2/57144/0025/20.8.2008 (OJHR B' 1732/28.8.2008).

## 5. **Durata**

(26) Id-Deċiżjoni Ministerjali Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007) tal-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi li stabbiliet l-iskemi tal-għajnuna mill-Istat (b'aktar emendi) ġiet ippubblikata fit-30 ta' Awwissu 2007 u għadha fis-seħħ skont is-sottomissjoni tal-awtoritajiet Griegi.

(27) L-awtoritajiet Griegi indikaw li l-benefiċjarji kellhom jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2007, filwaqt li għal Argalasti, Afeton u l-insedjamenti ta' Agia Paraskevi, Zormiadon, Porou u Troulou tal-muniċipalità ta' Skiathos fil-Prefettura ta' Magnisia l-applikazzjonijiet kellhom jiġu ppreżentati sal-31 ta' Ottubru 2008. It-tul ta' żmien tas-self taħt l-iskema A (ara l-premessa 14) kien ta' għaxar snin u taħt l-iskema B (ara l-premessa 14) kien ta' ħames snin. Is-self ingħata sal-31 ta' Diċembru 2010. Il-garanziji mill-Istat kienu marbuta mat-tranżazzjonijiet finanzjarji speċifiċi (jiġifieri ma' self relatat mal-arranġament tad-dejn taħt l-iskema A u t-tul ta' żmien imsemmi hawn fuq ta' għaxar snin jew mas-self tal-kapital operatorju taħt l-iskema B u t-tul ta' żmien imsemmi hawn fuq ta' ħames snin).

### 6. **Ammont stmat ta' għajnuna allegata**

(28) L-awtoritajiet Griegi infurmaw lill-Kummissjoni li s-sussidji totali fuq l-imgħax mogħtija lill-benefiċjarji kienu jammontaw għal EUR 192 771 140,81. B'mod partikolari wieħed mill-benefiċjarji, Sogia Ellas u s-sussidjarji tagħha rċevew sussidju fuq l-imgħax li jammonta għal EUR 8 293 527,92 u ma ngħatat l-ebda garanzija mill-Istat lil dik l-impriża. Fir-rigward tal-garanziji mill-Istat, l-awtoritajiet Griegi indikaw li l-ammont totali tas-self kien ta' EUR 146 969 403,78 u t-total garantit mill-Istat Grieg kien jammonta għal EUR 117 575 523,04. L-awtoritajiet Griegi infurmaw lill-Kummissjoni li l-istituzzjonijiet ta' kreditu diġà bagħtu talbiet għal sejħa fuq il-garanzija ta' 396 self (li jikkorrispondu għal 298 benefiċjarju) li jammontaw għal total ta' EUR 55 233 316,43. L-awtoritajiet Griegi nnutaw li minn 76 sejħa, li ġew ivvalutati fiż-żmien meta ntbagħtet l-informazzjoni fi Frar tal-2018, il-garanzija mill-Istat ġiet attivata fi 62 każ u l-Istat Grieg għalhekk ħallas lill-istituzzjonijiet ta' kreditu l-ammont ta' EUR 6 836 810,80. Dawn il-kalkoli huma provviżorji, minħabba li l-awtoritajiet Griegi għadhom qed jipproċessaw l-informazzjoni bl-għan li jikkonfermaw il-benefiċjarji u l-ammonti finali.

### 7. **Benefiċjarji**

(29) L-iskemi ta' għajnuna jidhru miftuħa, *inter alia* ([8]), għall-impriżi kollha attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli kif elenkati fl-Anness I tat-TFUE, u fil-forestrija, sa fejn huma stabbiliti u joperaw, irrispettivament mis-sede reġistrata tagħhom, f'waħda miż-żoni li għalihom japplikaw l-iskemi ta' għajnuna (ara l-premessa 15).

(30) L-awtoritajiet Griegi stmaw provviżorjament in-numru ta' benefiċjarji ta' sussidji fuq l-imgħax għal 3 773 impriża (inkluż Sogia Ellas u s-sussidjarji tagħha) u n-numru ta' benefiċjarji ta' garanziji mill-Istat għal 746 impriża.

### 8. **Spejjeż eliġibbli**

(31) L-ispejjeż eliġibbli jidhru li kienu spejjeż operattivi ta' impriżi stabbiliti u li joperaw, irrispettivament mis-sede rreġistrata tagħhom, f'waħda miż-żoni li għalihom japplikaw l-iskemi ta' għajnuna. Jekk dawn l-impriżi ma kinux iwettqu attivitajiet ekonomiċi, kienu esklużi mill-iskemi. Fejn l-impriżi kellhom aktar minn unità waħda ta' produzzjoni, huma setgħu jirċievu għajnuna taħt l-iskemi b'rabta mal-attivitajiet ta' dawk l-unitajiet ta' produzzjoni li kienu stabbiliti u li joperaw fiż-żoni affettwati. B'mod partikolari, fir-rigward tal-iskema B, il-benefiċjarji setgħu jirċievu self sa 35 % tal-fatturat tal-unità tal-produzzjoni tagħhom stabbilita u li topera fiż-żoni affettwati, irrispettivament mis-sede rreġistrata tal-impriża.

### 9. **Forma tal-għajnuna u intensità tal-għajnuna**

(32) L-għajnuna tingħata fil-forma ta' garanziji mill-Istat u sussidji fuq l-imgħax. Il-garanziji mill-Istat applikaw għal 80 % tas-self inkluż l-imgħaxijiet rispettivi. Rigward is-sussidji fuq l-imgħax, għas-self innegozjat mill-ġdid, l-għajnuna kienet tammonta għal 100 % matul il-perjodu ta' grazzja u għal 50 % għall-bqija tal-perjodu tas-self. Għas-self il-ġdid, is-sussidji fuq l-imgħax kienu jvarjaw bejn 30 % u 100 %, kif deskritt fil-premessa 15.

## III. **DUBJI MQAJMA MILL-KUMMISSJONI FID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ**

### 1. **L-eżistenza ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE**

(33) Biex tipproċedi b'mod strutturat bil-valutazzjoni dwar jekk l-iskemi inkwistjoni kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-Kummissjoni analizzat iż-żewġ strumenti użati f'kull waħda minnhom separatament: is-sussidju fuq l-imgħax min-naħa l-waħda, u l-garanzija mill-Istat min-naħa l-oħra.

([8]) Il-bażijiet ġuridiċi ma pprovdew għall-ebda limitazzjoni għas-settur agrikolu.

*Sussidju fuq l-imgħax*

(34) Is-sussidju fuq l-imgħax mogħti mill-Istat Grieg abbażi tad-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007), kif ġiet emendata u ssupplimentata suċċessivament, issodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Dak is-sussidju ngħata mill-Istat Grieg u ta vantaġġ ċar, billi għamel il-kost tas-self ħafna irħas u f'xi każijiet u għal xi perjodi ta' żmien anke mingħajr imgħax, kif deskritt fid-dettall fil-premessa 15.

(35) Barra minn hekk, il-kundizzjoni ta' selettività ġiet issodisfata ugwalment, peress li l-benefiċjarji kienu limitati għal impriżi li jkollhom stabbilimenti fiż-żoni ġeografiċi affettwati min-nirien tal-2007, kif previst fil-premessa 25.

(36) Dwar il-kundizzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sempliċi fatt li l-pożizzjoni kompetittiva ta' impriża tissaħħaħ meta mqabbla ma' impriżi oħra li jikkompetu magħha, jekk din tingħata benefiċċju ekonomiku li kieku ma kinitx tirċievi fit-twettiq normali tan-negozju tagħha, jindika li possibbilment jista' jkun hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni ([9]). Fil-każ preżenti, il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarji ssaħħet mill-benefiċċju ekonomiku tal-miżura nazzjonali, u għalhekk il-miżura setgħet tfixkel il-kompetizzjoni. L-għajnuna lill-impriża tidher li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri meta dik l-impriża topera f'suq miftuħ għall-kummerċ intra-Unjoni ([10]). Il-benefiċjarji tal-għajnuna inkwistjoni kienu joperaw fis-suq kompetittiv ħafna tal-prodotti agrikoli u fil-forestrija. Barra minn hekk, skont il-każistika tal-Qorti, ma hemm l-ebda limitu jew perċentwal li taħtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri jista' jitqies li ma ġiex affettwat – anke ammont relattivament żgħir ta' għajnuna jew id-daqs relattivament żgħir tal-impriżi ma jfissirx *a priori* li l-kummerċ bejn l-impriżi ma jistax jiġi affettwat ([11]). Hemm kummerċ intra-Unjoni sostanzjali fl-agrikoltura u fil-forestrija. Għalhekk, il-miżura preżenti setgħet taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(37) Għalhekk kien jidher li fir-rigward tas-sussidju fuq l-imgħax, il-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE kienu ssodifati.

*Garanzija mill-Istat*

(38) Bid-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007), kif emendata u ssupplimentata suċċessivament, l-Istat Grieg iddeċieda wkoll li jagħti l-garanzija tiegħu lill-impriżi li kellhom sede fiż-żoni ġeografiċi affettwati min-nirien tal-2007. Il-kundizzjonijiet li taħthom ingħatat din il-garanzija kienu stabbiliti f'aktar dettall bid-Deċiżjoni Nru 2/54310/0025/13.9.2007 (OJHR B' 1858/13.9.2007), kif emendata u ssupplimentata suċċessivament. Kif imsemmi fit-Taqsima 2.1 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji ([12]), il-kriterji ġenerali tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE japplikaw bl-istess mod għall-garanziji. Il-garanziji mogħtija direttament mill-Istat jistgħu tabilħaqq jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Il-benefiċċju ta' garanzija mill-Istat huwa li r-riskju assoċjat mal-garanzija jittieħed mill-Istat. Dak ir-riskju normalment għandu jitħallas bi primjum xieraq. Meta l-Istat jirrinunzja dak il-primjum, ikun hemm kemm benefiċċju għall-impriża li tingħata l-garanzija mill-Istat kif ukoll tnaqqis fir-riżorsi tal-Istat. Il-garanzija f'dan il-każ għalhekk ingħatat mir-riżorsi tal-Istat. L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji jispeċifika wkoll li anke jekk jirriżulta li qatt ma jsiru pagamenti mill-Istat taħt il-garanzija, l-għajnuna mill-Istat xorta waħda tista' teżisti.

(39) Il-benefiċċju li rċevew mill-garanzija taħt l-iskemi huwa evidenti. Kif indikat fit-Taqsima 2.3. tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji, meta l-mutwatarju ma jkollux għalfejn iħallas il-primjum, jew iħallas primjum baxx, dan jikseb vantaġġ. Barra minn hekk, meta mqabbel ma' sitwazzjoni mingħajr garanzija, il-garanzija mill-Istat tippermetti lill-mutwatarju jikseb termini finanzjarji aħjar għal self minn dawk normalment disponibbli fis-swieq finanzjarji.

([9]) Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru 2000, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-156/98, EU:C:2000:467, il-paragrafu 30; is-sentenza tas-17 ta' Settembru 1980, *Phillip Morris Holland BV vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-730/79 EU:C:1980:209.

([10]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Lulju 1988, *Ir-Repubblika Franċiża vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-102/87, EU:C:1988:391.

([11]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans GmbH*, Kawża C-280/00, EU:C:2003:415, il-paragrafu 81.

([12]) Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji, ĠU C 155, 20.6.2008, p. 1. Dan l-Avviż ħa post l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji 2000/C 71/07, li kien applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2009.

(40) Il-fatt li l-benefiċjarji fl-iskema A kellhom jipprovdu kollateral jekk id-dejn negozjat mill-ġdid tagħhom jaqbeż EUR 100 000,00 (ara l-premessa 23 hawn fuq), ma biddilx il-valutazzjoni li kien hemm element ta' għajnuna fil-garanzija mill-Istat mogħtija anke f'dawn il-każijiet. L-osservazzjonijiet rilevanti magħmula mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni 2012/320/UE ([13]) tagħha, li kienu sostnuti mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha fil-Kawża T-150/12 ([14]), applikaw ukoll għall-kawża preżenti. Għalhekk, anke meta l-benefiċjarji kienu pprovdew għal kollateral, il-garanzija mill-Istat kienet tikkostitwixxi għajnuna billi kienet tiddependi fuq id-diskrezzjoni tal-Istat jekk jużax id-drittijiet mogħtija mill-ftehimiet tal-kollateral, jekk il-benefiċjarji ma jħallsux lura s-self. Dan kien il-każ, billi deher li ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni fil-bażi ġuridika tal-iskemi li pprovdiet għall-attivazzjoni awtomatika tal-ftehimiet tal-kollateral jekk il-benefiċjarji jkunu naqsu milli jħallsu s-self. Fl-aħħar nett, ma kienx ċar jekk il-kollateral kellux jassigura fil-każijiet kollha l-ammont sħiħ tas-self. Lanqas ma kien ċar jekk il-kollateral kellux xi rwol fil-kalkolu tal-primjum applikabbli (jekk kien hemm).

(41) It-Taqsima 3.4. tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji tipprovdi lista ta' kundizzjonijiet, li l-issodisfar kumulattiv tagħhom jeskludi l-preżenza ta' għajnuna mill-Istat. Jidher li l-miżura inkwistjoni ma ssodisfatx dawn il-kundizzjonijiet kollha. B'mod partikolari, l-iskemi dehru li ma ngħalqux għall-mutwatarji f'diffikultà finanzjarja, kif meħtieġ mill-punt (a) tat-Taqsima 3.4. tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji. L-awtoritajiet Griegi ddikjaraw li l-impriżi f'diffikultà ġew esklużi mill-iskemi, billi l-impriżi kellhom jissottomettu studji tal-vijabbiltà qabel ma rċevew il-garanzija mill-Istat. Madankollu, fuq il-bażi tal-kliem tad-Deċiżjoni Nru 2/54310/0025/13.9.2007 (OJHR B' 1858/13.9.2007) l-obbligu li jiġi ppreżentat studju tal-vijabbiltà applika biss għall-impriżi, li applikaw għal arranġament mill-ġdid tad-dejn għal ammont ta' aktar minn EUR 100 000,00, kif ikkwotat fil-premessa 23. Għalhekk, deher li ma kien hemm l-ebda esklużjoni ta' impriżi f'diffikultà għal benefiċjarji oħrajn taħt l-iskema A u lanqas għall-benefiċjarji kollha taħt l-iskema B. Barra minn hekk, abbażi tar-raġunament tagħha fil-premessi 88 u 89 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/307/UE ([15]), il-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta dan l-argument fid-dawl tad-Deċiżjoni Ministerjali msemmija hawn fuq. Dik id-Deċiżjoni ddikjarat li l-istudju tal-vijabbiltà se jinkludi *"L-obbligazzjonijiet totali tal-kumpanija wara s-saldu tad-dejn tagħha lis-sistema ta' kreditu, il-fornituri tagħha, il-fondi tal-assigurazzjoni, il-gvern u s-suq ġenerali kif ukoll il-ftehimiet dwar arranġamenti għall-ħlas lura ta' dawk l-obbligazzjonijiet"*. Għalhekk, ma setax jiġi eskluż li l-għajnuna ngħatat lil impriżi f'diffikultà, minħabba li l-istudju tal-vijabbiltà nnifsu kien iqis ir-ristrutturar tad-dejn fuq il-bażi tal-iskema A. Fi kliem ieħor, l-istudju tal-vijabbiltà ffoka fuq il-prospetti tal-vijabbiltà tal-benefiċjarji wara r-ristrutturar tad-dejn tagħhom fuq il-bażi tal-iskema A. Dan jimplika li l-applikanti setgħu kienu f'diffikultà fil-mument tal-istudju, iżda xorta waħda setgħu ġew ammessi għall-iskema A minħabba li ġie mbassar ritorn potenzjali għall-vijabbiltà wara li jkunu rċevew l-għajnuna.

(42) Barra minn hekk, fir-rigward tal-punt (d) tat-Taqsima 3.4. tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji, ma kienx ċar jekk il-benefiċjarji ħallsux xi primjum u jekk għamlu dan, fuq liema bażi dak il-primjum kien ikkalkulat sabiex jirrifletti prezz orjentat lejn is-suq għal kull garanzija. Ma hemm l-ebda referenza għal kalkolu fil-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi filwaqt li l-awtoritajiet Griegi ma rreferewx fl-ittri tagħhom imsemmija fil-premessa 2, għal obbligu ta' ħlas ta' primjum bħala kundizzjoni għall-għoti tal-garanzija mill-Istat. Għalhekk, kien dubjuż li t-termini tal-iskema kienu bbażati fuq valutazzjoni realistika tar-riskju sabiex il-primjums possibbli mħallsa mill-benefiċjarji jagħmluha, fil-probabbiltà kollha, waħda li tiffinanzja lilha nfisha.

(43) Għalhekk, deher li ma kien hemm l-ebda evalwazzjoni xierqa u progressiva tal-aspett tal-awtofinanzjament tal-iskema u lanqas reviżjoni annwali tal-adegwatezza tal-livell tal-primjums – jekk kien hemm – u lanqas aġġustament potenzjali tagħhom sabiex l-iskemi jibqgħu jiffinanzjaw lilhom infushom. Il-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi ma kienu jgħidu xejn dwar dan lanqas. Għalhekk, lanqas il-kundizzjoni fil-punt (e) tat-Taqsima 3.4. tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji ma ġiet issodisfata.

---

([13]) Id-Deċiżjoni 2012/320/UE tal-25 ta' Jannar 2012 dwar l-għajnuna mogħtija mill-Greċja lill-bdiewa li jipproduċu ċ-ċereali u lill-kooperattivi tal-ġbir taċ-ċereali (SA.27354 (C 36/10) (ex NN 3/10, ex CP 11/09)) (ĠU L 164, 23.6.2012, p. 10).

([14]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' April 2014, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-150/12, EU:T:2014:191, il-paragrafi 82–85.

([15]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/307/UE tad-19 ta' Ottubru 2011 dwar skemi ta' għajnuna mill-Istat implimentati mill-Greċja fil-Prefetturi ta' Kastoria, Evia, Florina, Kilkis, Rodopi, Evros, Xanthi u Dodecanese, u l-gżejjer ta' Lesbos, Samos u Chios (ristrutturar tad-dejn) (Nri C 23/04 (ex NN 153/03), C 20/05 (ex NN 70/04) u C 50/05 (ex NN 20/05)) (ĠU L 153, 14.6.2012, p. 16).

(44) Barra minn hekk, għal darb'oħra kien dubjuż li, kieku kien hemm primjums imposti fuq il-garanziji mill-Istat taħt dawk l-iskemi, dawn il-primjums kienu jkopru, skont il-punt (f) tat-Taqsima 3.4 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji, ir-riskji normali assoċjati mal-għoti tal-garanzija, l-ispejjeż amministrattivi tal-iskema, u r-rimunerazzjoni annwali ta' kapital adegwat, anke jekk dan tal-aħħar ma kienx kostitwit parzjalment jew kollu. Għalhekk kien dubjuż jekk il-primjums kinux konformi mal-prezzijiet tas-suq.

(45) Barra minn hekk, deher li l-iskemi ma ddeterminawx l-impriżi eliġibbli f'termini ta' klassifikazzjoni, li hija kundizzjoni ta' trasparenza skont il-punt (g) tat-Taqsima 3.4 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji.

(46) Ma kien hemm l-ebda element fl-istadju tad-deċiżjoni tal-ftuħ li juri jekk l-għażliet ipprovduti fit-Taqsima 3.5 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji għall-użu ta' primjums li jipprovdu livell xieraq ta' protezzjoni fl-iskemi ta' garanzija għall-SMEs jew l-użu ta' primjums waħdanin fi skemi ta' garanzija għall-SMEs kinux applikabbli għall-iskemi inkwistjoni. Ma setax jiġi eskluż li l-SMEs ibbenefikaw minn dawn l-iskemi.

(47) Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi l-preżenza ta' għajnuna mill-Istat fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet tat-Taqsima 3.4 tal-Avviż dwar il-Garanziji. Għall-kuntrarju, il-garanziji mill-Istat tal-miżuri inkwistjoni kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, billi kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(48) Rigward l-imputabbiltà tal-miżuri lill-Istat, kien ċar li l-garanziji mill-Istat ġew ipprovduti mill-Istat Grieg.

(49) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ il-Kummissjoni osservat li skont id-Deċiżjoni Nru 2/54310/0025/13.9.2007 (OJHR B' 1858/13.9.2007) il-Bord tal-Immaniġġjar u l-Valutazzjoni tar-responsabbiltà għall-garanziji mill-Istat Grieg kien responsabbli għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha qabel l-għoti tal-garanziji mill-Istat ([16]). Għalhekk, l-azzjoni tiegħu kienet imputabbli lill-Istat u l-awtoritajiet Griegi ma setgħux jargumentaw li l-garanziji mill-Istat setgħu jiġu revokati *ex tunc*, minħabba li xi wħud mill-kundizzjonijiet għall-għoti tagħhom ma kinux preżenti fiż-żmien tal-għoti tagħhom.

(50) Rigward l-involviment tar-riżorsi tal-Istat, il-garanziji mill-Istat ippermettew li r-riskji assoċjati mal-garanziji jinġarru mill-Istat. Għalhekk, il-garanziji mill-Istat inkwistjoni jpoġġu r-riżorsi tal-Istat f'riskju, peress li t-talba fuqhom kellha titħallas mill-baġit tal-Istat. Barra minn hekk, kwalunkwe garanzija li ma kinitx rimunerata kif xieraq kienet timplika telf ta' riżorsi finanzjarji għall-Istat. Il-bażijiet ġuridiċi għall-għoti tal-garanziji mill-Istat ma kinux jipprovdu għal xi primjum li għandu jitħallas mill-benefiċjarji. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni fiż-żmien tad-deċiżjoni tal-ftuħ, jidher li ma tħallas l-ebda primjum mill-impriżi li jibbenefikaw mill-garanziji, li għalhekk ma kinux rimunerati kif xieraq.

(51) Billi, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, l-impriżi li bbenefikaw mill-garanziji ma kellhomx iħallsu primjum (jekk kien hemm) daqs dak li seta' kien jeħtieġ operatur f'ekonomija tas-suq sabiex jipprovdi tali garanzija, huma rċevew vantaġġ. Barra minn hekk, ma setax jiġi eskluż li xi benefiċjarji ma setgħux jew ma kinux ikunu jistgħu jirċievu xi garanzija jew self fis-suq (bi kwalunkwe primjum jew rata ta' imgħax), f'liema każ il-vantaġġ tagħhom kien jew kien ikun l-ammont effettivament kopert mill-garanzija mill-Istat.

(52) Rigward is-selettività, it-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, l-istess kunsiderazzjonijiet kienu japplikaw bħal dawk deskritti fil-premessi 35 u 36. Għalhekk, dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfati wkoll.

(53) Fiż-żmien tad-deċiżjoni tal-ftuħ, deher għalhekk li għall-garanzija mill-Istat għas-self, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE ġew issodisfati.

## 2. **L-illegalità tal-iskemi ta' għajnuna**

(54) Fid-dawl tal-fatt li l-miżuri kienu diġà ġew implimentati mingħajr ma ġew innotifikati lill-Kummissjoni, l-għajnuna mogħtija skont l-iskemi kienet għajnuna illegali skont it-tifsira tal-Artikolu 1(f) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([17]).

([16]) Dan ġie ddikjarat mill-ġdid mill-awtoritajiet Griegi fl-ittra tagħhom tal-11 ta' Frar 2016.

([17]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

## 3. **Kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern**

(55) Wara li stabbiliet li l-iskemi kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kien meħtieġ li jiġi vvalutat jekk l-għajnuna setgħetx tinstab li hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2) jew 107(3) tat-TFUE.

(56) Il-Greċja invokat il-kompatibbiltà possibbli skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE.

(57) L-applikabbiltà ġeografika tal-iskemi hija limitata għal żoni affettwati minn nirien estensivi, li skont l-awtoritajiet Griegi jikkwalifikaw bħala diżastru naturali. Il-Kummissjoni kkunsidrat in-nirien ta' oriġini naturali bħala diżastri naturali filwaqt li sabet li nirien li jirriżultaw f'telf mifrux jikkostitwixxu okkorrenzi eċċezzjonali. Din id-distinzjoni ma kellha l-ebda konsegwenza għall-valutazzjoni minħabba li kemm id-diżastri naturali kif ukoll l-okkorrenzi eċċezzjonali għandhom jiġu vvalutati skont l-istess deroga fl-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE bħala għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali.

(58) Peress li l-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni kienu għajnuna mhux notifikata, kien essenzjali sabiex id-deroga fl-Artikolu 107 (2)(b) tat-TFUE tapplika li jkunu konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fis-seħħ meta ngħatat l-għajnuna. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Griegi, l-iskemi inkwistjoni kienu ilhom għaddejjin mill-25 ta' Awwissu 2007. Il-kompatibbiltà tal-iskemi inkwistjoni mas-suq intern għalhekk ġiet eżaminata fid-dawl tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli matul dak il-perjodu. Dawn kienu l-Linji Gwida Komunitarji għall-Għajnuna mill-Istat fis-Settur tal-Agrikoltura u l-Forestrija bejn l-2007 u l-2013 ("il-Linji Gwida 2007-2013") ([18]), u b'mod partikolari t-Taqsima V.B.2 għall-agrikoltura u t-Taqsima VII għall-forestrija.

(59) Fid-dawl tad-dubji mqajma fil-premessa 40 dwar jekk l-iskemi inkwistjoni eskludewx impriżi f'diffikultà, il-Kummissjoni għamlet kjarifika fl-istadju tad-deċiżjoni tal-ftuħ. L-għajnuna għal impriżi f'diffikultà tista' titqies kompatibbli biss jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna ta' Salvataġġ u Ristrutturar (minn hawn 'il quddiem "Linji Gwida S&R"), ([19]) li kienu applikabbli fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna taħt l-iskemi inkwistjoni. L-unika eċċezzjoni għall-għajnuna lil impriżi f'diffikultà kienet għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali, li għalihom il-Linji Gwida S&R ma kinux japplikaw, kif iddikjarat fil-punti (19) u (20) tal-Linji Gwida S&R. Minn dan jirriżulta li t-taqsima li ġejja dwar *Għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali* teżamina l-kumpaniji kollha irrispettivament mill-vijabbiltà tagħhom fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna, filwaqt li t-taqsima dwar *Għajnuna biex jiġi promoss jew iffaċilitat l-iżvilupp ta' ċerti żoni ekonomiċi* hija maqsuma bejn impriżi b'saħħithom minn naħa u impriżi f'diffikultà li għalihom japplikaw il-Linji Gwida S&R min-naħa l-oħra.

*Għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali*

(60) Fir-rigward tal-għajnuna mogħtija fl-agrikoltura, il-Kummissjoni kellha tivverifika l-eżistenza tad-diżastru naturali jew tal-okkorrenza eċċezzjonali invokata biex tiġġustifika l-għoti tal-għajnuna u jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin fit-Taqsima V.B.2 tal-Linji Gwida 2007-2013:

(a) il-ħsara li għaliha ngħata l-kumpens kienet konsegwenza diretta ppruvata tad-diżastru naturali jew tal-okkorrenza eċċezzjonali;

(b) l-għajnuna ma wasslitx għal kumpens żejjed għall-ħsara u għamlet tajjeb biss għall-ħsara kkawżata mid-diżastru naturali jew mill-okkorrenza eċċezzjonali, għal dan il-għan il-ħsara kellha tkun ivvalutata b'mod kemm jista' jkun preċiż filwaqt li l-kumpens li jirriżulta minnu kellu jkun ikkalkulat fil-livell tal-benefiċjarju individwali u filwaqt li kwalunkwe pagament dovut, pereżempju skont il-poloz tal-assigurazzjoni, kellu jitnaqqas mill-ammont tal-għajnuna.

([18]) ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.

([19]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-Impriżi f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2). Il-validità ġiet estiża għall-ewwel darba sad-9.10.2012, ĠU C 156, 9.7.2009, p. 3 u mbagħad sal-31.7.2014 (ĠU C 296, 2.10.2012, p. 3).

(61) Il-bażi ġuridika tal-iskemi li qed jiġu eżaminati tidentifika żoni affettwati minn nirien. Billi l-Kummissjoni konsistentement ħadet il-pożizzjoni fl-istrumenti legali tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat li nirien ta' oriġini naturali jikkostitwixxu diżastri naturali filwaqt li nirien li jirriżultaw f'telf mifrux huma okkorrenzi eċċezzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE ([20]), l-impriżi li sofrew ħsara min-nirien inkwistjoni, irrispettivament mill-valutazzjoni legali tagħhom bħala diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali, jistgħu jikkwalifikaw bħala benefiċjarji ta' għajnuna għall-ħsara mġarrba b'konsegwenza diretta tal-istess avvenimenti.

(62) Madankollu, l-iskemi inkwistjoni ma stabbilew l-ebda definizzjoni ta' ħsara u ma stabbiew l-ebda rabta bejn l-għajnuna u l-ħsara mġarrba b'riżultat tan-nirien. Pjuttost, l-unika rabta bejn il-benefiċjarji u n-nirien kienet il-fatt li dawk tal-ewwel kienu stabbiliti u joperaw, irrispettivament mis-sede reġistrata tagħhom, f'waħda miż-żoni ġeografiċi affettwati min-nirien. Dan ġie konkluż mit-tweġiba tal-awtoritajiet Griegi msemmija fil-premessa 18. Għalhekk, il-benefiċjarji setgħu ma ġarrbu l-ebda ħsara u jekk iva, il-bażi ġuridika tal-iskemi ta' għajnuna ma kinitx tirrikjedi li tali ħsara tkun ġiet ikkawżata direttament min-nirien ([21]).

(63) Addizzjonalment, l-emenda li ġejja għad-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007) bid-Deċiżjoni Nru 46082/B.2123/24-10-2007 (OJHR 2139/B'/2-11-2007) kienet indikattiva tan-nuqqas ta' rabta diretta bejn il-ħsara mġarrba, jekk kien hemm, u n-nirien, bħala kundizzjoni għall-għoti tal-għajnuna kif ġej mis-silta rilevanti kkwotata fil-premessa 19. Dik l-emenda eskludiet is-self eżistenti li diġà kien ġie rranġat fil-passat, mill-applikazzjoni tal-Kapitolu A tad-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007), jiġifieri l-arranġament tad-dejn b'sussidju fuq l-imgħax. Stabbiliet biss eċċezzjoni għall-impriżi li *"sofrew b'mod ċar ħsara min-nar lill-bini fl-istabbiliment tagħhom, lil tagħmir mekkaniku, lil materja prima jew lill-prodotti tagħhom. Biex jikkonfermaw din il-ħsara, huma se jkollhom jipproduċu ċertifikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Awtoritajiet Prefettwali tagħhom"*. Madankollu, kieku kien hemm rabta diretta bejn il-ħsara u n-nirien fil-qafas ġenerali tal-iskema, din is-silta ma kien ikollha l-ebda tifsira billi l-benefiċjarji kollha skont id-definizzjoni riedu jkunu batew ħsara kkawżata direttament min-nirien. Għalhekk *a contrario*, l-unika konklużjoni loġika li tista' tittieħed minn dik l-emenda kienet li mhux il-benefiċjarji kollha kellhom ikunu sofrew ħsara kkawżata min-nirien.

(64) Barra minn hekk, il-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi ma dehru li jinkludu l-ebda metodu għal valutazzjoni preċiża kemm jista' jkun tal-ħsara mġarrba mill-impriżi bħala konsegwenza diretta tan-nirien. Lanqas ma ddeterminaw l-ispejjeż eliġibbli fuq il-bażi ta' tali ħsara. Diġà ġie stabbilit fil-premessa 62 li ma hemm l-ebda rabta diretta magħmula mill-iskemi bejn in-nirien u l-ħsara li fil-fatt huma kkawżaw lill-benefiċjarji. Minflok, kif ikkwotat fil-premessa 15, l-ammont tal-għajnuna kien finalment determinat mill-ammont tas-self li għalih ingħata s-sussidju fuq l-imgħax u l-garanzija mill-Istat. Madankollu, l-ammont tas-self innifsu tħalla miftuħ fil-każ tal-iskema A. Fil-każ tal-iskema B ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-fatturat ta' kull impriża.

(65) Barra minn hekk, l-iskemi ma kinux jidhru li jipprevedu għal xi mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-kumulazzjoni tal-għajnuna taħt dawn l-iskemi b'għajnuna taħt skemi oħra sabiex jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed għall-ħsara mġarrba minn benefiċjarji individwali minħabba n-nirien inkwistjoni. Barra minn hekk, fil-każijiet fejn impriża tabilħaqq ġarrbet ħsarat ikkawżati min-nirien, l-iskemi ma kinux jinkludu dispożizzjonijiet li jeskludu għajnuna għal ħlasijiet dovuti, pereżempju taħt kuntratti ta' assigurazzjoni, għall-istess ħsara.

(66) Fir-rigward tal-għajnuna mogħtija fil-forestrija, saret distinzjoni bejn l-għajnuna mill-Istat għall-konservazzjoni, it-titjib, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-foresti minħabba l-funzjonijiet ekoloġiċi, protettivi u rikreattivi tal-foresti, u l-għajnuna mill-Istat għall-foresti użati għal skopijiet kummerċjali. Fir-rigward ta' dawn tal-ewwel, it-Taqsima VII tal-Linji Gwida 2007-2013 tagħti l-possibbiltà li tiġi approvata l-għajnuna mill-Istat għar-restawr tal-foresti li jkunu sofrew ħsara, fost l-oħrajn, bin-nar. F'konformità ma' dik il-politika, il-punt 174(c) tal-Linji Gwida 2007-2013 jiddikjara li ma kellha tiġi aċċettata l-ebda għajnuna għall-qtugħ jew għall-istokkjar mill-ġdid wara l-qtugħ tas-siġar li jkunu kummerċjalment vijabbli jew għall-istabbiliment u ż-żamma ta' kwalunkwe pjantaġġun bl-ebda benefiċċju ambjentali jew rikreattiv muri. *A contrario*, il-kompatibbiltà tal-għajnuna għall-foresti użati għal skopijiet kummerċjali kellha tiġi vvalutata direttament skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE, billi ma kien hemm l-ebda linji gwida applikabbli tal-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

([20]) Il-kunċett ta' "nirien li jirriżultaw f'telf mifrux" ġie definit bħala "okkorrenza eċċezzjonali" fil-punt 122 tal-Linji Gwida 2007-2013.

([21]) Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-278/00, EU:C:2004:239, fejn il-Qorti ddeċidiet li: *"huma biss żvantaġġi ekonomiċi kkawżati direttament ikkawżati minn diżastri naturali jew minn okkorrenzi eċċezzjonali li jikkwalifikaw għal kumpens kif previst f'dik id-dispożizzjoni"* (il-paragrafu 82) u *"dispożizzjoni b'kamp ta' applikazzjoni tant wiesa' ma tistax titqies bħala għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali"* (il-paragrafu 85).

(67) Fir-rigward tal-għajnuna għall-foresti li ma jintużawx għal skopijiet kummerċjali, skont il-punt 175(a) tal-Linji Gwida 2007-2013 kellu jintwera li l-għajnuna kkontribwiet direttament għaż-żamma jew ir-restawr ta' funzjonijiet ekoloġiċi, protettivi u rikreattivi tal-foresti, għall-bijodiversità u għall-ekosistema forestali b'saħħitha. Dan jista' jkun il-każ jekk l-għajnuna tingħata sabiex jiġi ppjanat u mwettaq ir-restawr tal-foresti li tkun saritilhom ħsara min-nirien, fejn l-għan ewlieni ta' miżuri bħal dawn huwa li jikkontribwixxu għaż-żamma jew għar-restawr tal-ekosistema tal-foresta u l-bijodiversità jew il-pajsaġġ tradizzjonali. Madankollu, ma tista' tingħata l-ebda għajnuna għall-qtugħ tas-siġar, li l-għan primarju tiegħu hija l-estrazzjoni kummerċjalment vijabbli tal-injam jew għall-istokkjar mill-ġdid fejn is-siġar maqtugħa huma sostitwiti b'oħrajn ekwivalenti. Minħabba n-nuqqas ta' rabta bejn l-għajnuna u l-ħsara kkawżata min-nirien, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk dawn il-kundizzjonijiet kinux issodisfati fil-każijiet kollha ta' għajnuna taħt dawn l-iskemi mogħtija għall-foresti li ma jintużawx għal skopijiet kummerċjali. Il-Kummissjoni kellha wkoll dubji dwar jekk l-għan ewlieni ta' tali għajnuna kienx li tiġi rrestawrata l-ekosistema tal-foresta u l-bijodiversità jew il-pajsaġġ tradizzjonali, minħabba li l-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi ta' għajnuna ma kien fihom xejn f'dan ir-rigward.

(68) Kif indikat, l-għajnuna għall-foresti użati għal skopijiet kummerċjali għandha tiġi vvalutata direttament skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE. Skont il-prattika tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ([22]), il-ħsara li għaliha tingħata l-għajnuna għandha tkun konsegwenza diretta ppruvata tal-ħsara. L-għajnuna ma għandhiex twassal għal kumpens żejjed għall-ħsara; għandha tagħmel tajjeb biss għall-ħsara kkawżata mid-diżastru naturali jew mill-okkorrenza eċċezzjonali. L-għajnuna fil-forom kollha għal kull benefiċjarju hija limitata għal ħsara materjali li tkun seħħet. Madankollu, il-valutazzjoni tat-twettiq ta' dawn il-kundizzjonijiet fil-premessi 62-65 għas-settur agrikolu applikat *mutatis mutandis* għas-settur tal-forestrija. Il-Kummissjoni kellha wkoll dubji dwar l-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-ħsara u n-nirien, kif ukoll dwar il-prevenzjoni ta' kumpens żejjed. Fl-aħħar nett, il-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi ma kinux jidhru li qed jillimitaw l-għajnuna għal ħsara materjali li tkun seħħet.

(69) Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, fid-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessa 67 tad-deċiżjoni tal-ftuħ) il-Kummissjoni kkunsidrat li l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Griegi ma kinitx ta' sostenn għall-argument li l-iskemi eżaminati kienu, minħabba n-natura u l-arranġamenti operattivi tagħhom, iddisinjati sabiex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha dubji serji jekk kinux kompatibbli mal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE.

*Għajnuna biex tippromwovi jew tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti żoni ekonomiċi*

(70) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessa 68 tad-deċiżjoni tal-ftuħ), ma setax jiġi eskluż li l-impriżi rċevew għajnuna taħt l-iskemi inkwistjoni mingħajr ma ġew affettwati min-nirien, u li għajnuna bħal din għalhekk ma kinitx kompatibbli mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE. Għaldaqstant, il-kompatibbiltà kellha tiġi analizzata wkoll fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

(71) Skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE l-għajnuna tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern, jekk jinstab li tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni. L-awtoritajiet Griegi ma argumentawx li l-iskemi ta' għajnuna mill-Istat inkwistjoni kienu jaqgħu taħt l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

(72) Għal impriżi b'saħħithom, fl-istadju tad-deċiżjoni tal-ftuħ, ma kienx jidher li teżisti l-ebda bażi ġuridika xierqa dwar l-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE. L-għajnuna mogħtija taħt l-iskemi ta' għajnuna mill-Istat dehret li kienet għajnuna operattiva, li kienet inkompatibbli mat-TFUE.

([22]) Ara pereżempju l-għajnuna mill-Istat N 235a/2010 – il-Polonja, Skema ta' għajnuna għal kumpens għal ħsara kkawżata mill-għargħar fil-Polonja f'Mejju u f'Ġunju 2010 (barra mill-qasam tal-Anness I tat-TFUE u l-parti tas-settur tal-forestrija mhux koperta mil-Linji Gwida Komunitarji għall-Għajnuna mill-Istat fis-Settur tal-Agrikoltura u l-Forestrija 2007 sal-2013) (ĠU C 283, 20.10.2010, p. 2).

(73) Fir-rigward speċifiku tal-impriżi f'diffikultà, fid-dawl tad-dubji mqajma fil-premessa 40 jekk xi benefiċjarji kinux impriżi f'diffikultà, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-għajnuna setgħetx tinstab kompatibbli skont l-istrument applikabbli tad-dritt tal-Unjoni fid-data tal-għoti. Skont il-punt (145) tal-Linji Gwida 2007-2013 kif ukoll il-punti (19) u (20) tal-Linji Gwida S&R, l-għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà fis-setturi agrikoli u tal-forestrija se tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida S&R. Il-valutazzjoni ma kinitx limitata għal skemi ta' għajnuna għall-SMEs għall-istess raġunijiet bħal dawk imsemmija fil-premessa 46.

(74) Skont il-punt 15 tal-Linji Gwida S&R, l-għajnuna għas-salvataġġ toffri serħan qasir, li ma jaqbiżx is-sitt xhur, lil kumpanija f'diffikultà. L-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni dehru li damu għaxar snin għall-iskema A u ħames snin għall-iskema B, kif ġie ddikjarat fil-premessa 15. Għalhekk, l-għajnuna mogħtija taħthom ma setgħetx titqies bħala għajnuna ta' salvataġġ.

(75) Skont il-punt 17 tal-Linji Gwida S&R, ir-ristrutturar se jkun ibbażat fuq pjan fattibbli, koerenti u wiesa' biex tiġi restawrata l-vijabbiltà tal-kumpanija fuq perjodu ta' żmien twil. Ir-ristrutturar normalment jinvolvi element wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: ir-riorganizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tal-impriża fuq bażi aktar effiċjenti, li tipikament jinvolvu l-irtirar minn attivitajiet li jagħmlu t-telf, ir-ristrutturar ta' dawk l-attivitajiet eżistenti li jistgħu jerġgħu jsiru kompetittivi u, possibbilment, id-diversifikazzjoni fid-direzzjoni ta' attivitajiet ġodda u vijabbli. Ir-ristrutturar finanzjarju (injezzjonijiet ta' kapital, tnaqqis tad-dejn) normalment irid jakkumpanja r-ristrutturar fiżiku. L-operazzjonijiet ta' ristrutturar fl-ambitu tal-Linji Gwida S&R ma jistgħux, madankollu, ikunu limitati għal għajnuna finanzjarja mfassla biex tagħmel tajjeb għal telf fil-passat mingħajr ma tindirizza r-raġunijiet għal dak it-telf.

(76) Skont il-punt 35 tal-Linji Gwida S&R, il-pjan ta' ristrutturar, li t-tul tiegħu jrid ikun l-iqsar possibbli, għandu jirrestawra l-vijabbiltà fit-tul tal-kumpanija fi żmien raġonevoli u abbażi ta' suppożizzjonijiet realistiċi rigward il-kundizzjonijiet operatorji futuri, u r-ristrutturar għandu jinvolvi l-abbandun ta' attivitajiet li b'mod strutturali jibqgħu jagħmlu telf anke wara r-ristrutturar.

(77) Skont il-punti 38 u 39 tal-Linji Gwida S&R, sabiex jiġi żgurat li l-effetti negattivi fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ jiġu minimizzati kemm jista' jkun, sabiex l-effetti pożittivi segwiti jegħlbu lil dawk negattivi, għandhom jittieħdu miżuri ta' kumpens. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu ċ-ċessjoni tal-assi, it-tnaqqis fil-kapaċità jew fil-preżenza fis-suq u t-tnaqqis ta' ostakli għad-dħul fis-swieq ikkonċernati.

(78) Skont il-punt 45 tal-Linji Gwida S&R, biex jiġi limitat l-effett distorsiv, l-ammont tal-għajnuna jew il-forma li tingħata fiha għandhom ikunu tali li jiġi evitat li l-kumpanija tingħata flus żejda li jkunu jistgħu jintużaw għal attivitajiet aggressivi, li jfixklu s-suq u li mhumiex marbuta mal-proċess tar-ristrutturar, u l-ebda għajnuna ma għandha tmur biex tiffinanzja investiment ġdid li mhux essenzjali għar-restawr tal-vijabbiltà tal-kumpanija.

(79) Fl-istadju tad-deċiżjoni tal-ftuħ, ma deher li kien hemm l-ebda pjan ta' ristrutturar (fi ħdan it-tifsira tal-Linji Gwida S&R) marbut ma' kwalunkwe waħda mill-miżuri, u għalhekk kien impossibbli li tiġi analizzata l-konformità mal-Linji Gwida S&R. Jekk wieħed jassumi li xi wħud mill-miżuri ngħataw lil impriżi f'diffikultà, il-miżuri dehru li kienu għajnuna finanzjarja maħsuba biss biex tagħmel tajjeb għal telf fil-passat mingħajr ma ġew indirizzati r-raġunijiet għal dak it-telf.

(80) Meta jitqiesu dawn l-elementi kollha, fid-deċiżjoni tal-ftuħ il-Kummissjoni kellha dubji dwar il-konformità tal-iskemi ta' għajnuna mal-Linji Gwida S&R (ara l-premessa 78 tad-deċiżjoni tal-ftuħ). Għalhekk, il-Kummissjoni kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-iskemi ta' għajnuna mal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE kemm għall-impriżi b'saħħithom kif ukoll għall-impriżi f'diffikultà.

*Kompatibbiltà possibbli ma' derogi oħra fl-Artikolu 107 tat-TFUE*

(81) Fl-istadju tad-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessa 79 taghha) il-Kummissjoni qieset li l-benefiċjarji, l-ispejjeż eliġibbli u l-intensitajiet ta' għajnuna tal-miżuri vvalutati ta' għajnuna mill-Istat ma jidhrux li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 ([23]) (ir-"Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Agrikoltura"), skont liema ċerti kategoriji ta' għajnuna jkunu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE.

(82) Fir-rigward tal-applikabbiltà tad-derogi l-oħra previsti fit-TFUE, il-Kummissjoni qieset li l-għajnuna ma kinitx tikkwalifika għad-deroga fl-Artikolu 107(2)(a) tat-TFUE peress li ma kinitx għajnuna li għandha karattru soċjali jew għajnuna koperta mill-Artikolu 107(2)(c) tat-TFUE. L-istess japplika għall-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 107(3) (a), (b) u (d) tat-TFUE, minħabba li l-għajnuna inkwistjoni la kienet maħsuba għall-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell tal-għajxien huwa baxx b'mod anormali jew fejn hemm stat serju ta' nuqqas ta' impjieg, lanqas ma kienet maħsuba għal proġetti ta' interess komuni Ewropew jew biex jiġi rrimedjat taqlib serju fl-ekonomija jew għall-promozzjoni tal-kultura u l-konservazzjoni tal-wirt.

*Kunsiderazzjonijiet finali*

(83) Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnutat li, b'konformità mal-prinċipju Deggendorf li ġie stabbilit fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawżi Magħquda T-244/93 u T-486/93, il-ħlas ta' kwalunkwe għajnuna taħt l-iskemi lil kwalunkwe impriża li bbenefikat minn għajnuna illegali preċedenti ddikjarata inkompatibbli minn Deċiżjoni tal-Kummissjoni, se jiġi sospiż sakemm dik l-impriża tkun ħallset lura jew ħallset f'kont ibblukkat l-ammont totali ta' għajnuna illegali u inkompatibbli u l-imgħax ta' rkupru korrispondenti ([24]). Il-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi ta' għajnuna ma kinux jipprevedu din is-sospensjoni. Għalhekk kien dubjuż jekk esskludewx l-impriżi li kienu rċevew għajnuna ddikjarata inkompatibbli fl-imgħoddi iżda li kienet għadha ma ġietx irkuprata f'dak iż-żmien.

## IV. **OSSERVAZZJONIJIET MILL-GREĊJA**

(84) Fl-ittra tagħhom tat-23 ta' Settembru 2016, l-awtoritajiet Griegi ressqu osservazzjonijiet li jikkontestaw uħud mis-sejbiet inklużi fid-deċiżjoni tal-ftuħ. L-awtoritajiet Griegi argumentaw li ma kien hemm l-ebda għajnuna mill-Istat involuta f'dan il-każ. Barra minn hekk, kieku kellu jinstab li kien hemm għajnuna mill-Istat, dik l-għajnuna kienet kompatibbli mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, huma ssuġġerew li jekk l-għajnuna mill-Istat tinstab li mhix kompatibbli, kien assolutament impossibbli li tiġi rkuprata. Fl-aħħar nett, huma indikaw li kienu qed jaħdmu fid-direzzjoni li jsibu l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-iskemi, iżda ma kienx irnexxielhom sa dak il-mument.

### 1. **L-eżistenza ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE**

(85) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-ewwel nett ma kien hemm l-ebda għajnuna mill-Istat minħabba li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' vantaġġ ekonomiku, is-selettività, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ ma kinux issodisfati. Huma ma kkontestawx l-eżistenza tal-kundizzjonijiet kumulattivi li kien fadal għall-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat.

(86) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' vantaġġ ekonomiku, selettività, distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ ma ġewx issodisfati minħabba li l-iskemi inkwistjoni daħlu fis-seħħ biex jikkumpensaw għall-ħsara kkawżata minn okkorrenza straordinarja u eċċezzjonali, jiġifieri n-nirien f'żoni speċifiċi.

(87) Fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku, l-awtoritajiet Griegi argumentaw b'mod partikolari li ma kien hemm l-ebda wieħed peress li l-ħsara ma kinitx tikkostitwixxi spejjeż normali u s-sitwazzjoni inkwistjoni ma kinitx kundizzjoni normali tas-suq. Għall-kuntrarju kienet okkorrenza straordinarja u eċċezzjonali.

([23]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1.

([24]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 1995, *Textilwerke Deggendorf vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-244/93 u T-486/93, EU:T:1995:160, il-paragrafi 51-60.

(88) L-awtoritajiet Griegi argumentaw ukoll li l-każ inkwistjoni ma kienx dwar il-provvediment ta' trattament selettiv lil xi impriżi, minflok lil oħrajn li huma fl-istess sitwazzjoni fattwali u legali, iżda pjuttost dwar l-indirizzar ta' ċirkostanza eċċezzjonali li affettwat impriżi f'xi żoni. Dan wassal biex dawk l-impriżi jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċjali u ferm żvantaġġata meta mqabbla ma' impriżi oħra tas-setturi tagħhom. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet biex tiġi indirizzata dik l-okkorrenza eċċezzjonali ġew stabbiliti b'mod trasparenti u oġġettiv u kellhom l-għan li jerġa' jinkiseb il-bilanċ finanzjarju taż-żoni milquta. L-iskemi adottati għalhekk kienu meħtieġa biex jintlaħaq objettiv ta' interess pubbliku.

(89) Rigward id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, l-awtoritajiet Griegi insistew li l-iskemi kienu mmirati biex jindirizzaw okkorrenza eċċezzjonali. L-iskemi ma tejbux il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarji iżda reġġgħu lura lil dawn tal-aħħar għall-kundizzjoni tagħhom qabel id-diżastru naturali.

*Osservazzjonijiet addizzjonali speċifiċi dwar in-nuqqas ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-garanziji mill-Istat*

(90) L-awtoritajiet Griegi reġgħu ddeskrivew fil-qosor il-bażi ġuridika tal-garanziji mill-Istat kif ukoll l-ambitu personali tal-applikazzjoni tal-iskemi inkwistjoni. Huma nnutaw li l-garanziji kienu marbuta ma' tranżazzjonijiet finanzjarji speċifiċi għal ammont massimu fiss, li kienu limitati fiż-żmien u li ma kinux ikopru aktar minn 80 % tas-self pendenti tal-benefiċjarji.

(91) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-iskemi ma kinux miftuħa għal impriżi f'diffikultà finanzjarja. Huma indikaw li l-vijabbiltà tal-benefiċjarji kollha kienet ivvalutata mill-Bord tal-Immaniġġjar u l-Valutazzjoni tar-responsabbiltà għall-garanziji mill-Istat Grieg abbażi tad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa sottomessi mill-benefiċjarji. Dawk ir-rekwiżiti kienu jinkludu s-sottomissjoni ta' studju tal-vijabbiltà f'każijiet ta' impriżi li applikaw għal arranġament mill-ġdid tad-dejn għal ammont ta' aktar minn EUR 100 000,00 taħt l-iskema A. Dan ma kienx il-każ għall-impriżi l-oħra kollha taħt l-iskema A u l-impriżi kollha taħt l-iskema B. L-awtoritajiet Griegi spjegaw li l-ħtieġa li jiġi ppreżentat studju tal-vijabbiltà ma kinitx tapplika għal dawk l-impriżi tal-aħħar minħabba li l-ammont tal-għajnuna kien limitat u l-informazzjoni speċifika setgħet diġà tinstab fil-formola rilevanti tal-Uffiċċju tal-Kontijiet Ġenerali tal-Istat għall-"Valutazzjoni tal-vijabbiltà tan-negozji li japplikaw għal garanzija tal-gvern Grieg", filwaqt li tista' tiġi dedotta mid-dokumenti l-oħra ta' sostenn li kellhom jiġu sottomessi mill-impriżi interessati. Għal dawk ir-raġunijiet, l-iskemi kienu miftuħa biss għal impriżi vijabbli.

(92) L-awtoritajiet Griegi rraġunaw ukoll li l-kundizzjonijiet tal-iskemi inkwistjoni kienu differenti minn dawk tal-iskemi vvalutati mid-Deċiżjoni 2012/307/UE, u b'hekk kienu qegħdin jikkontestaw is-sejba rilevanti tad-deċiżjoni tal-ftuħ ikkwotata fil-premessa 40.

(93) Skont il-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi vvalutati mid-Deċiżjoni 2012/307/UE, l-impriżi setgħu jibbenefikaw mill-iskemi jekk dawn kienu mistennija li jsiru vijabbli wara l-għoti tal-għajnuna. Għall-kuntrarju, fl-iskemi inkwistjoni f'dan il-każ il-vijabbiltà tal-benefiċjarji wara l-għoti tal-għajnuna hija biss fattur wieħed li jitqies għall-fehim aħjar tal-fluss tal-flus tagħhom, għat-tabella ta' previżjoni ġenerali tagħhom għat-tliet snin li ġejjin, u għall-valutazzjoni tad-*data* finanzjarja msemmija fiha.

(94) L-awtoritajiet Griegi ssuġġerew ukoll li l-garanzija mill-Istat ingħatat fuq il-bażi ta' kollateral li kien meqjus suffiċjenti biex jipproteġi l-interess tal-Istat Grieg f'każ li l-benefiċjarji ma jħallsux lura s-self tagħhom. Dak il-kollateral huwa l-istess li l-banek jaċċettaw għal mutwatarji oħra u huwa skont il-kriterji bankarji u l-prattika bankarja komuni. Fi kwalunkwe każ, skont l-Artikolu 11, il-paragrafi 1 u 2 tal-Liġi 2322/1995, l-Istat jissostitwixxi kompletament lill-bank fid-drittijiet tiegħu kontra d-debitur. Barra minn hekk, skont id-Deċiżjoni Nru 2/478/0025/4.1.2006 (GG II 16/13.1.2006), l-awtoritajiet tat-taxxa huma obbligati li jieħdu l-azzjonijiet legali kollha meħtieġa sabiex jiġbru l-ammonti mħallsa mill-Istat taħt il-garanzija. Barra minn hekk, japplikaw id-dispożizzjonijiet legali ċivili rilevanti għall-kuntratti ta' garanzija, filwaqt li jitħares l-interess tal-Istat Grieg f'dan il-każ. Għal dawn ir-raġunijiet, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-garanziji mill-Istat inkwistjoni ma kinux joffru benefiċċju lill-impriżi u li ma ntużaw l-ebda riżorsi tal-Istat peress li l-interessi tal-Istat kienu ssalvagwardjati bis-sħiħ billi l-Istat seta' jitlob mingħand il-benefiċjarji li kienu naqsu li jħallsu lura s-self tagħhom għall-pagamenti li l-Istat kien kostrett li jagħmel taħt il-garanzija.

(95) L-awtoritajiet Griegi kkontestaw ukoll l-osservazzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ, imsemmija fil-premessa 39, li, meta mqabbla ma' sitwazzjoni mingħajr garanzija, il-garanzija mill-Istat tippermetti lill-mutwatarji jiksbu termini finanzjarji aħjar għal self minn dawk normalment disponibbli fis-swieq finanzjarji. Huma argumentaw li l-iskemi inkwistjoni jiddeterminaw biss il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-garanziji mill-Istat u ma jinfluwenzawx il-kundizzjonijiet biex wieħed jirċievi self fis-suq. Huma żiedu, li fi kwalunkwe każ, ma jagħmilx sens li din is-sitwazzjoni titqabbel ma' waħda mingħajr garanzija, għaliex sabiex wieħed jirċievi self fis-suq, il-mutwatarju dejjem jeħtieġ garanti. Għalhekk, l-Istat ma bediex prattika inkomuni, li tkun tipprovdi vantaġġ f'dan il-każ anke fid-dawl tal-okkorrenzi straordinarji u eċċezzjonali.

(96) L-awtoritajiet Griegi sfidaw l-osservazzjoni tad-deċiżjoni ta' ftuħ, ikkwotata fil-premessa 49. Il-Kummissjoni nnutat f'dik il-premessa li billi l-Bord tal-Immaniġġjar u l-Valutazzjoni tar-responsabbiltà għall-garanziji mill-Istat Grieg evalwa l-applikazzjonijiet kollha qabel l-għoti tal-garanzija mill-Istat, l-awtoritajiet Griegi ma setgħux sussegwentement jargumentaw ir-revoka *ex tunc* ta' dawn il-garanziji minħabba li xi wħud mill-kundizzjonijiet għall-għoti tagħhom ma kinux preżenti fiż-żmien meta ngħataw dawk il-garanziji. L-awtoritajiet Griegi allegaw li minkejja r-rwol ta' dak il-Bord, il-garanziji mill-Istat jistgħu jiġu revokati *ex tunc*, jekk il-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħhom ma jiġux issodisfati sussegwentement mill-istituzzjoni finanzjarja rilevanti.

## 2. **Kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern**

(97) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li, jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-iskemi inkwistjoni taw għajnuna mill-Istat, din kienet kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE. Alternattivament, huma argumentaw li l-iskemi tal-għajnuna jistgħu jinstabu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE.

(98) L-awtoritajiet Griegi indikaw li l-Linji Gwida mhumiex regoli legali vinkolanti, iżda regoli ta' valutazzjoni indikattivi, li jridu jiġu interpretati skont id-dispożizzjonijiet vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni. Skont l-awtoritajiet Griegi, il-Linji Gwida għandhom, għalhekk, jiġu interpretati b'mod li ma jkunx f'kunflitt mal-loġika tal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE, li jipprovdi deroga awtomatika mill-projbizzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. L-awtoritajiet Griegi ddeskrivew is-severità tan-nirien li kkawżaw il-ħsara, li ġew ikkumpensati bl-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni. Fuq dik il-bażi huma ssuġġerew li l-intensità tal-okkorrenza kienet tali li l-impriżi kollha attivi fiż-żoni affettwati min-nirien sofrew ħsara li kienet marbuta man-nirien. L-awtoritajiet Griegi qiesu li dan kien il-każ anke meta l-impriżi nfushom ma ġarrbux ħsara fl-assi tagħhom, minħabba li l-ħsara kienet tant estensiva li l-ħsara tagħhom kienet ċerta u evidenti.

(99) L-awtoritajiet Griegi sfidaw ukoll il-premessa 61 tad-deċiżjoni tal-ftuħ ikkwotata fid-deċiżjoni preżenti fil-premessa 63. Għandu jitfakkar li l-iskema eskludiet is-self eżistenti, li diġà kien ġie rranġat fil-passat mill-applikazzjoni tal-Kapitolu A tad-Deċiżjoni Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (OJHR 1740/B'/30-8-2007), jiġifieri l-arranġament tad-dejn b'sussidju fuq l-imgħax. L-unika eċċezzjoni kienet għall-impriżi li setgħu jippruvaw li kienu ġarrbu ħsara min-nirien. Il-Kummissjoni sabet li, minħabba l-fatt li dik l-eċċezzjoni biss kienet tirrikjedi lill-benefiċjarji li juru rabta diretta bejn il-ħsara u n-nirien, jista' jiġi konkluż li ma kienx jeżisti rekwiżit bħal dan għall-bqija tal-benefiċjarji taħt l-iskemi. L-awtoritajiet Griegi argumentaw li dik l-eċċezzjoni turi biss li għal dawk il-każijiet partikolari kienet meħtieġa prova addizzjonali mill-benefiċjarji.

(100) Alternattivament, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-iskemi huma kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE, minħabba li kkontribwew għar-rimedju ta' taqlib serju fl-ekonomija tal-pajjiż ikkawżat min-nirien.

## 3. **Impossibbiltà assoluta li tiġi rkuprata**

(101) L-awtoritajiet Griegi ssuġġerew li, jekk l-għajnuna mill-Istat tinstab li hija inkompatibbli mas-suq intern, ikun hemm impossibbiltà assoluta li tiġi rkuprata minħabba li jkun impossibbli li jiġi kkalkulat l-ammont li għandu jiġi rkuprat. Dik l-impossibbiltà tirriżulta mill-fatt li l-ħsara diretta u indiretta kkawżata min-nirien se jkollha titnaqqas mill-ammont tal-irkupru. Skont l-awtoritajiet Griegi, dan huwa impossibbli minħabba ż-żmien twil li għadda minn meta seħħ id-diżastru naturali filwaqt li abbażi tal-liġi nazzjonali l-benefiċjarji ma kellhom l-ebda obbligu li jżommu d-dokumenti rilevanti li juru l-eżistenza tal-ħsara u l-ammont eżatt tagħha.

(102) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi talbu lill-Kummissjoni biex ma tordnax l-irkupru, billi huwa impossibbli għalihom li jimplimentaw l-irkupru u ma jistgħux jintalbu jagħmlu l-impossibbli. F'dak ir-rigward huma rreferew għall-premessi 149 u 150, 152 u 156 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/ ([25]).

### 4. **Diffikultà biex tingħata l-informazzjoni addizzjonali mitluba fid-deċiżjoni tal-ftuħ**

(103) Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-talbiet li saru lill-Greċja fil-konklużjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Griegi indikaw li kienu qed jippruvaw isibu l-benefiċjarji tal-iskemi inkwistjoni iżda dan kien diffiċli notevolment minħabba l-għadd kbir ta' benefiċjarji. Huma nnutaw ukoll li ma kellhomx bżonn jinnotifikaw individwalment lill-benefiċjarji dwar it-tnedija tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, iżda li dawn ġew mgħarrfa b'dan u kellhom l-opportunità li jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(104) B'sottomissjonijiet sussegwenti tad-9 ta' Marzu 2017 u tal-21 ta' Frar 2018, l-awtoritajiet Griegi pprovdew l-informazzjoni nieqsa dwar l-għadd stmat ta' benefiċjarji tal-iskemi u l-ammonti stmati involuti.

## V. **VALUTAZZJONI LEGALI**

### 1. **L-eżistenza ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE**

(105) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, għandha tkun inkompatibbli mas-suq intern.

(106) Il-kwalifika ta' miżura bħala għajnuna fis-sens ta' din id-dispożizzjoni għalhekk teħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: il-miżura trid tkun imputabbli lill-Istat u ffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat; trid tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha; dak il-vantaġġ irid ikun selettiv; u l-miżura trid tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(107) Fil-kuntest tal-proċedura ta' eżaminazzjoni, il-Kummissjoni sabet li, fir-rigward tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni, dawk il-kundizzjonijiet ġew issodisfati.

(108) Bħala kumment preliminari, il-Kummissjoni tosserva li d-definizzjoni ta' għajnuna mill-Istat fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE għandha karattru oġġettiv. L-interpretazzjoni tagħha u d-determinazzjoni tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet iqisu biss l-effetti tal-miżuri eżaminati u mhux il-kawżi, l-objettivi jew l-għanijiet tagħhom ([26]). Għalhekk, l-interess ġenerali jew anke l-objettiv leġittimu tal-ordni pubbliku segwit b'miżura, ma jistgħux *per se* jeskludu l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(109) Għal dawk ir-raġunijiet, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-argumenti mqajma mill-awtoritajiet Griegi fl-ittra tagħhom tat-23 ta' Settembru 2016 rigward il-vantaġġ ekonomiku, is-selettività, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ tal-UE tal-iskemi inkwistjoni. Dawn l-osservazzjonijiet huma bbażati fuq fehim żbaljat tat-test applikabbli għad-determinazzjoni tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat li tiffoka fuq il-kawżi u l-objettivi tal-iskemi.

([25]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/195 tal-14 ta' Awwissu 2015 dwar il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat SA.33083 (12/C) (ex 12/NN) implimentata mill-Italja li tipprovdi għal taxxi u kontribuzzjonijiet imnaqqsa marbuta mad-diżastri naturali (is-setturi kollha ħlief l-agrikoltura) u SA.35083 (12/C) (ex 12/NN), implimentata mill-Italja li tipprovdi għal taxxi u kontribuzzjonijiet imnaqqsa marbuta mat-terremot f'Abruzzo fl-2009 (is-setturi kollha ħlief l-agrikoltura) (innotifikata bid-dokument C(2015) 5549) (ĠU L 43, 18.2.2016, p. 1).

([26]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-173/73, EU:C:1974:71, il-paragrafu 13; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Marzu 2005, *Heiser*, Kawża C-172/03, EU:C:2005:130, il-paragrafu 55; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Diċembru 2011, *France Télécom vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-81/10 P, EU:C:2011:811.

(110) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li jekk *ir-raġunament* tal-kummenti magħmula mill-awtoritajiet Griegi kellu jiġi segwit skont l-għan loġiku tiegħu, ma seta' jkun hemm l-ebda għajnuna mill-Istat f'każijiet fejn l-għajnuna ngħatat mill-Istat b'riżorsi tal-Istat għal kumpens għal ħsarat minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali. Tali fehim ma jkunx biss f'kuntrast mal-karattru oġġettiv tad-definizzjoni ta' għajnuna mill-Istat, kif analizzat fil-premessa 107, iżda jkun ukoll f'kunflitt mal-ittra tal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE, li jipprevedi li *l-għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali* hija kompatibbli mas-suq intern. Il-Qorti Ġenerali għamlet l-istess osservazzjoni bi tweġiba għall-istess argument li għamlet il-Greċja quddiemha f'każ li rrefera għall-għajnuna mill-Istat mogħtija minn din tal-aħħar għall-kumpens ta' ħsara kkawżata minn effetti klimatiċi ħżiena ([27]).

(111) L-għoti ta' vantaġġ direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà ta' tali miżura lill-Istat huma żewġ kundizzjonijiet separati u kumulattivi għall-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat ([28]). Fejn awtorità pubblika tagħti vantaġġ lil benefiċjarju, il-miżura hija minnha nnifisha imputabbli lill-Istat, anke jekk l-awtorità inkwistjoni tgawdi awtonomija legali minn awtoritajiet pubbliċi oħra. Il-vantaġġi mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat biss jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE ([29]).

(112) Kif analizzat fid-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessi 33 u 45-46 ta' dik id-deċiżjoni), kemm is-sussidji fuq l-imgħax kif ukoll il-garanziji mill-Istat kienu imputabbli lill-Greċja u ngħataw permezz ta' riżorsi tal-Istat. L-għajnuna kienet tabilħaqq mogħtija mill-gvern ċentrali mill-baġit ċentrali tal-Istat. Dan huwa ċar fil-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi u ma kienx ikkontestat mill-Greċja.

(113) Il-vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE huwa kwalunkwe benefiċċju ekonomiku li impriża ma kinitx tikseb fil-kundizzjonijiet tas-suq normali, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat ([30]). Għal darb'oħra, l-effett tal-miżura fuq l-impriża biss huwa rilevanti, u mhux il-kawża jew l-objettiv tal-intervent mill-Istat ([31]). Kull meta s-sitwazzjoni finanzjarja ta' impriża titjieb bħala riżultat ta' intervent mill-Istat fuq termini li jkunu differenti mill-kundizzjonijiet normali tas-suq, ikun hemm vantaġġ. Biex dan jiġi vvalutat, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża wara l-miżura għandha tiġi mqabbla mas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha kieku l-miżura ma tkunx ittieħdet ([32]).

(114) Il-forma preċiża tal-miżura hija irrelevanti wkoll biex jiġi stabbilit jekk tagħtix vantaġġ ekonomiku lill-impriża ([33]). Mhux l-għoti ta' vantaġġi ekonomiċi pożittivi biss huwa rilevanti għall-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, il-ħelsien minn piżijiet ekonomiċi jista' wkoll jikkostitwixxi vantaġġ.

(115) Kif deskritt fid-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessi 33 u 47 ta' dik id-deċiżjoni) il-benefiċjarji ma setgħux irċevew l-istess vantaġġ ekonomiku taħt kundizzjonijiet normali tas-suq u, b'riżultat ta' dan, is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom tjiebet b'termini differenti minn dawk taħt kundizzjonijiet normali tas-suq.

(116) Madankollu, l-awtoritajiet Griegi argumentaw (ara l-premessi 86 u 87) li ma kien hemm l-ebda vantaġġ ekonomiku, minħabba l-karattru straordinarju u eċċezzjonali tal-okkorrenza li wasslet biex il-kundizzjonijiet tas-suq ma jkunux normali. Madankollu, il-kunċett ta' "kundizzjonijiet normali tas-suq" użat biex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' vantaġġ, jirreferi għall-possibbiltà li l-benefiċjarju jgawdi l-istess benefiċċju ekonomiku fis-suq bħal ma jibbenefika mill-għajnuna, u mhux għall-valutazzjoni dwar jekk is-suq huwiex jiffunzjona bħas-soltu jew jekk hux fi kriżi. Kieku l-interpretazzjoni mressqa mill-awtoritajiet Griegi kellha tiġi aċċettata, allura l-eżistenza ta' benefiċċju ekonomiku tiġi ddeterminata mill-kawża jew l-objettiv tal-għajnuna, u kull Stat Membru kien ikun jista' juża objettiv leġittimu sabiex jevita l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżura ([34]).

---

([27]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2014, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-52/12, EU:T:2014:677, il-paragrafi 66-71.

([28]) Ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza vs Il-Kummissjoni* (Stardust), Kawża C-482/99, EU:C:2002:294, il-paragrafu 24; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' April 2006, *Deutsche Bahn AG* vs *Il-Kummissjoni*, Kawża T-351/02, EU:T:2006:104, il-paragrafu 103.

([29]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Jannar 1978, *Van Tiggele*, Kawża C-82/77, EU:C:1978:10, il-paragrafi 25 u 26; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1996, *Air France vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-358/94, EU:T:1996:194, il-paragrafu 63.

([30]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 1996, *SFEI and Others*, Kawża C-39/94, EU:C:1996:285, il-paragrafu 60; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 1999, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-342/96, EU:C:1999:210, il-paragrafu 41.

([31]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-173/73, EU:C:1974:71, il-paragrafu 13.

([32]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-173/73, EU:C:1974:71, il-paragrafu 13.

([33]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans*, Kawża C-280/00, EU:C:2003:415, il-paragrafu 84.

([34]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2014, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-52/12, EU:T:2014:677, il-paragrafu 67 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.

(117) Sabiex taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-miżura ta' għajnuna trid tiffavorixxi "ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti". Il-fatt li l-għajnuna mhijiex immirata lejn benefiċjarju wieħed speċifiku jew aktar definiti minn qabel, iżda hija soġġetta għal sensiela ta' kriterji oġġettivi li skonthom tista' tingħata, fil-qafas ta' allokazzjoni baġitarja ġenerali predeterminata, lil għadd indefinit ta' benefiċjarji li mhumiex inizjalment identifikati b'mod individwali, mhuwiex biżżejjed sabiex tiġi kkontestata n-natura selettiva tal-miżura ([35]). Barra minn hekk, fil-prinċipju, il-miżuri biss li japplikaw fit-territorju kollu tal-Istat Membru jevitaw il-kriterju ta' selettività reġjonali stabbilit fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE ([36]).

(118) Kif iddikjarat fil-premessi 34 u 51, l-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni taw vantaġġ biss lil impriżi, li kienu stabbiliti u joperaw fiż-żoni ġeografiċi li ġew affettwati min-nirien fl-2007. Ma kinux japplikaw għall-bqija tat-territorju tal-Greċja. Impriżi oħra f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli, fis-settur agrikolu jew f'setturi oħra, mhumiex eliġibbli għall-għajnuna u għalhekk mhux se jirċievu l-istess vantaġġ. L-aspett li ċerti impriżi kienu affettwati min-nirien filwaqt li oħrajn ma kinux, ma jpoġġihomx f'sitwazzjoni differenti, minħabba li l-ħsara min-nirien hija parti mir-riskju ekonomiku li kwalunkwe impriża tista' tiffaċċja. L-għajnuna għad-diżastri naturali (inkluż in-nar) hija kategorija ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE u fil-Linji Gwida 2007-2013 (ara l-premessa 142), għalhekk skont id-definizzjoni dawn il-miżuri huma selettivi. Għaldaqstant l-iskemi jagħtu vantaġġ ekonomiku selettiv lil ċerti impriżi biss (ara l-premessa 29), billi jsaħħu l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-suq.

(119) L-argument tal-awtoritajiet Griegi fil-premessa 88, jipprova għal darb'oħra jbiddel it-test li abbażi tiegħu tiġi aċċertata l-eżistenza tas-selettività. Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Unjoni (imsemmija fil-premessa 117), l-eżistenza ta' okkorrenzi eċċezzjonali, il-karattru trasparenti u oġġettiv allegat tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna kif ukoll l-objettiv usa' tal-għajnuna mhumiex rilevanti fl-istadju tal-valutazzjoni tal-eżistenza tal-għajnuna mill-Istat.

(120) Miżura mogħtija mill-Istat titqies li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni meta tkun kapaċi ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarju meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li tikkompeti magħhom ([37]). Għall-iskopijiet prattiċi kollha, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE ġeneralment teżisti meta l-Istat jagħti vantaġġ finanzjarju lil impriża f'settur liberalizzat fejn ikun hemm, jew jista' jkun hemm, il-kompetizzjoni ([38]). L-appoġġ pubbliku jista' jfixkel il-kompetizzjoni anke jekk dan ma jgħinx lill-impriża riċeventi biex tespandi u tikseb sehem fis-suq. Huwa suffiċjenti li l-għajnuna tippermettilha li żżomm pożizzjoni kompetittiva aktar b'saħħitha milli kieku ma ġietx ipprovduta l-għajnuna. F'dan il-kuntest, biex jitqies li l-għajnuna qed tfixkel il-kompetizzjoni, normalment huwa biżżejjed li l-għajnuna tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju billi teżentah mill-ispejjeż li kieku kien ikollu jħallas matul l-operat tan-negozju tiegħu ta' kuljum ([39]). Id-definizzjoni ta' għajnuna mill-Istat ma teħtieġx li d-distorsjoni tal-kompetizzjoni jew l-effett fuq il-kummerċ ikun sinifikanti jew materjali. Il-fatt li l-ammont ta' għajnuna jkun baxx jew l-impriża riċeventi tkun żgħira fih innifsu mhuwiex se jeskludi distorsjoni tal-kompetizzjoni jew it-theddida tagħha ([40]), sakemm madankollu l-probabbiltà ta' tali distorsjoni ma tkunx sempliċiment ipotetika ([41]).

---

([35]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2000, *Confederación Espanola de Transporte de Mercancías vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-55/99, EU:T:2000:223, il-paragrafu 40. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2012, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-379/09, EU: T:2012:422, il-paragrafu 47.

([36]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (il-Qorti Ġenerali), *Salzgitter vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-308/00, EU:T:2004:199, il-paragrafu 38 (din il-parti tas-sentenza kienet approvata bħala appell fil-Kawża C-408/04 P, *Il-Kummissjoni vs Salzgitter*, EU:C:2008:236, il-paragrafu 109. Fis-sentenza msemmija hawn fuq, il-Qorti ddeċidiet espliċitament li: *"Ma jimpurtax li n-natura selettiva tal-miżura toħroġ minn […] kriterju relatat mal-post ġeografiku f'parti definita tat-territorju ta' Stat Membru. Madankollu, dak li huwa importanti biex miżura tinstab bħala għajnuna mill-Istat, huwa li l-impriżi benefiċjarji jappartjenu għal kategorija speċifika ddeterminata mill-applikazzjoni, fil-liġi jew fil-fatt, tal-kriterju stabbilit mill-miżura inkwistjoni".*

([37]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 1980, *Philip Morris*, Kawża C-730/79, EU:C:1980:209, il-paragrafu 11; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2000, *Alzetta*, Kawżi Magħquda T-298/97, T-312/97, EU:T:2000:151, il-paragrafu 80.

([38]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2000, *Alzetta*, Kawżi Magħquda T-298/97, T-312/97 eċċ., EU:T:2000:151, il-paragrafi 141-147; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans*, C-280/00, EU:C:2003:415.

([39]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Marzu 2005, *Heiser*, C-172/03, EU:C:2005:130, il-paragrafu 55.

([40]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2000, *Confederación Espanola de Transporte de Mercancías vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-55/99, EU:T:2000:223, il-paragrafu 89; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans*, Kawża C-280/00, EU: C:2003:415, il-paragrafu 81.

([41]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans*, Kawża C-280/00, EU:C:2003:415, il-paragrafu 79.

(121) L-appoġġ pubbliku għall-impriżi jikkostitwixxi biss għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE sa fejn jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. F'dak ir-rigward, mhuwiex meħtieġ li jiġi stabbilit li l-għajnuna għandha effett reali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri iżda sempliċiment jekk l-għajnuna tistax taffettwa dan il-kummerċ ([42]). B'mod partikolari, il-Qrati tal-Unjoni stabbilew li *"fejn l-għajnuna finanzjarja mill-Istat issaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li qed jikkompetu fil-kummerċ intra-[Unjoni], dan tal-aħħar għandu jitqies li ġie affettwat mill-għajnuna"* ([43]).

(122) Il-valutazzjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ, kif ikkwotat fil-premessi 36 u 52 ta' din id-Deċiżjoni, ġiet ikkonfermata. Il-benefiċjarji koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni huma attivi fis-suq kompetittiv ħafna tal-prodotti agrikoli u fil-forestrija. Ta' min jinnota f'dan ir-rigward li l-kummerċ agrikolu bejn il-Greċja u l-Istati Membri l-oħra fl-2017 kien jammonta għal kważi EUR 4 biljun fl-esportazzjonijiet u għal aktar minn EUR 5 biljun fl-importazzjonijiet ([44]). Il-benefiċjarji normalment kien ikollhom iħallsu l-ispejjeż tal-ħsara huma stess. Kuntrarju għall-osservazzjonijiet magħmula mill-Greċja (ara l-premessi 85-89), il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn l-iskemi ta' għajnuna tejbu l-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarji. Il-fatt li l-kundizzjoni tagħhom setgħet kienet affettwata mid-diżastru naturali għal darb'oħra mhuwiex rilevanti għall-valutazzjoni tal-eżistenza ta' theddida li tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ intra-UE. Barra minn hekk, peress li s-setturi agrikoli u tal-forestrija huma miftuħa għall-kummerċ intra-UE, huma sensittivi għal miżuri li jiffavorixxu l-impriżi fi Stat Membru partikolari. L-iskemi inkwistjoni għalhekk jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni fis-suq intern u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(123) Fir-rigward tal-argument imressaq mill-awtoritajiet Griegi li l-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni ma kinux tejbu l-kundizzjoni tal-benefiċjarji fir-rigward tal-kompetituri tagħhom, iżda sempliċiment irrestawraw il-funzjoni ta' dawn l-impriżi għall-kundizzjonijiet ta' qabel id-diżastru naturali, il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża *Il-Greċja vs il-Kummissjoni* ([45]). F'dik il-kawża, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-għajnuna mill-Istat inkwistjoni kkumpensat biss parzjalment lill-bdiewa għall-ħsara li ġarrbu minħabba kundizzjonijiet ħżiena tat-temp u għalhekk kienet irrestawrat il-kompetizzjoni. Il-Qorti Ġenerali rrifjutat dak l-argument u ddeċidiet li l-adozzjoni ta' miżuri unilaterali mill-Istati Membri bil-għan li l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni ta' settur ekonomiku jkunu allinjati ma' dawk eżistenti fi Stati Membri oħra, ma tinnegax il-karatterizzazzjoni ta' dawk il-miżuri bħala għajnuna mill-Istat ([46]).

*L-eżistenza ta' għajnuna fil-każ ta' garanziji mill-Istat*

(124) Is-sejbiet tad-deċiżjoni tal-ftuħ fir-rigward tal-eżistenza ta' għajnuna fil-każ ta' garanziji mill-Istat (ara l-premessi 38-53 ta' din id-Deċiżjoni) ġew ikkonfermati fil-proċedura ta' investigazzjoni formali, minkejja l-argumenti ppreżentati bil-kontra mill-awtoritajiet Griegi. Il-kriterji tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE japplikaw għall-garanziji mill-Istat ([47]) u huma ssodisfati wkoll għall-garanziji mill-Istat.

(125) Il-garanziji ngħataw direttament mill-Istat permezz ta' riżorsi tal-Istat u pprovdew benefiċċju. Kif imsemmi fit-Taqsima 2.1 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji ([48]) dan il-benefiċċju kien li r-riskju assoċjat mal-garanzija kien qed jinġarr mill-Istat. Normalment dan ir-riskju kellu jiġi rimunerat bi primjum xieraq. F'dan il-każ l-ebda primjum, wisq inqas wieħed xieraq, ma tħallas mill-benefiċjarji. L-ebda obbligu bħal dan ma ġie stabbilit fil-bażijiet

([42]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech* v *The Parking Adjudicator*, Kawża C-518/13, EU:C:2015:9, il-paragrafu 65; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2013, *Libert and others*, Kawżi Magħquda C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, il-paragrafu 76.

([43]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech* v *The Parking Adjudicator*, Kawża C-518/13, EU:C:2015:9, il-paragrafu 66; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2013, *Libert and others*, Kawżi Magħquda C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, il-paragrafu 77; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' April 2001, *Friulia Venezia Giulia*, Kawża T-288/97, EU:T:2001:115, il-paragrafu 41.

([44]) Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, Skeda Informattiva tal-Istatistika (2017), 5.1 Kummerċ Agrikolu, Mejju 2018, ara http://ec.europa.eu/agriculture/statistics/factsheets/pdf/el_en.pdf.

([45]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2014, *Il-Greċja vs il-Kummissjoni*, Kawża T-52/12, EU:T:2014:677.

([46]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2014, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-52/12, EU:T:2014:677, il-paragrafu 112 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.

([47]) Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji, ĠU C 155, 20.6.2008, p. 1. Għandu jiġi nnutat li l-Avviż tal-Kummissjoni applikabbli preċedentement dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għal għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji, ĠU C 71, 11.3.2000, p. 14 (minn hawn 'il quddiem "Avviż tal-Kummissjoni tal-2000") adotta l-istess interpretazzjoni dwar l-applikabbiltà tal-kriterji tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u l-kundizzjonijiet li jeskludu l-eżistenza tal-għajnuna.

([48]) Ara wkoll l-"Avviż tal-Kummissjoni tal-2000", it-Taqsima 2.1.2.

ġuridiċi tal-iskemi inkwistjoni, filwaqt li l-awtoritajiet Griegi lanqas biss ippruvaw jargumentaw mod ieħor. Għalhekk kien hemm benefiċċju li gawdew il-benefiċjarji u tnaqqis tar-riżorsi tal-Istat. Dan huwa minnu anke jekk jirriżulta li għal xi benefiċjarji tal-iskemi qatt ma saru pagamenti taħt il-garanzija mill-Istat.

(126) Għaldaqstant, il-garanziji mill-Istat taw benefiċċju lill-mutwatarji peress li ma kellhomx iħallsu primjum għalihom. Għalhekk, ir-rekwiżit ta' vantaġġ ekonomiku biex tiġi aċċertata l-eżistenza ta' għajnuna f'dan il-każ ġie ssodisfat. Filwaqt li tirrepeti s-siltiet rilevanti mit-Taqsima 2.2 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Garanziji ([49]), id-deċiżjoni tal-ftuħ iddikjarat li meta mqabbla ma' sitwazzjoni mingħajr garanzija, il-garanzija mill-Istat tippermetti lill-mutwatarji jiksbu termini finanzjarji aħjar għas-self minn dawk normalment disponibbli fis-swieq finanzjarji (ara l-premessa 39 ta' din id-Deċiżjoni). L-awtoritajiet Griegi kkontestaw din id-dikjarazzjoni (ara l-premessa 95) billi argumentaw li l-garanziji mill-Istat ma jinfluwenzawx il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' self u li m'hemm l-ebda tqabbil ma' sitwazzjoni mingħajr garanzija minħabba li l-istituzzjonijiet finanzjarji dejjem jitolbu garanzija sabiex jagħtu self. Dawn l-argumenti ma jistgħux jiġu aċċettati. Billi joffru aktar ċertezza lill-istituzzjoni finanzjarja li l-kuntratt tas-self mal-mutwatarju se jiġi onorat, il-garanziji skont id-definizzjoni jtejbu t-termini finanzjarji tas-self. Dan huwa aktar u aktar minnu jekk l-istituzzjonijiet finanzjarji jirrifjutaw li jagħtu self mingħajr garanzija, kif jissuġġerixxu l-awtoritajiet Griegi. F'każijiet bħal dawn, huwa biss bis-saħħa tal-garanzija li l-mutwatarju jkollu aċċess għal self u jkun jista' jibbenefika minnu.

(127) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li ma kien hemm l-ebda benefiċċju jew riżorsi tal-Istat involuti peress li l-garanziji mill-Istat ingħataw fuq il-bażi tal-kollateral li żgura l-interessi tal-Istat b'mod sħiħ. Skont l-awtoritajiet Griegi, l-Istat kien obbligat juża d-drittijiet mogħtija mill-kollateral, li kieku l-benefiċjarji naqsu milli jħallsu lura s-self. Din il-linja ta' argumentazzjoni ma tistax tiġi aċċettata. L-ewwel nett, kif iddikjarat fid-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessa 52 ta' din id-Deċiżjoni), il-Kummissjoni ma aċċettatx l-istess argumenti li saru mill-awtoritajiet Griegi fid-Deċiżjoni 2012/320/UE tagħha u l-Qorti kkonfermat dak ir-raġunament ([50]). Fl-ittra tagħhom tat-23 ta' Settembru 2016, l-awtoritajiet Griegi rreferew għall-istess Deċiżjoni Ministerjali Nru 2/478/0025/4.1.2006 (GG II 16/13.1.2006), kif għamlu f'dak il-każ aktar antik, sabiex jissuġġerixxu li l-awtoritajiet tat-taxxa huma obbligati jwettqu l-azzjonijiet legali kollha meħtieġa sabiex jiġbru l-ammonti mħallsa mill-Istat taħt il-garanzija. Madankollu, bħal fil-każ aktar antik, l-unika referenza għad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 2/478/0025/4.1.2006 (GG II 16/13.1.2006) fil-bażi ġuridika inkwistjoni kienet li tipprovdi għall-azzjonijiet li l-banek kellhom jieħdu sabiex jattivaw il-garanzija mill-Istat. Fil-fatt, l-ebda dispożizzjoni fil-bażi ġuridika tal-iskemi ma pprovdiet għal attivazzjoni awtomatika tal-ftehimiet ta' kollateral f'każijiet fejn tħallsu l-garanziji mill-Istat. Barra minn hekk, il-kollateral ma kienx meħtieġ fil-każijiet kollha u għadu mhux ċar jekk kellux jiżgura l-ammont sħiħ tas-self fil-każijiet kollha. Fl-aħħar nett, l-eżistenza tal-kollateral ma tistax tibdel il-valutazzjoni li kien hemm benefiċċju minħabba l-fatt li l-benefiċjarji ma ħallsu l-ebda primjum għar-riskju meħud mill-Istat permezz tal-garanzija mill-Istat.

(128) Fir-rigward tas-selettività, tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u tal-effett fuq il-kummerċ intra-UE, il-valutazzjoni u s-sejbiet deskritti fil-premessi 117-123 jibqgħu validi.

(129) Madankollu, qabel ma tintlaħaq konklużjoni finali dwar l-eżistenza ta' għajnuna fil-każ ta' garanziji mill-Istat, huwa meħtieġ li jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet kollha li jippermettu li tiġi eskluża l-eżistenza ta' dik l-għajnuna kif previst fit-Taqsima 3.4 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-garanziji ([51]) humiex issodisfati. Id-deċiżjoni tal-ftuħ qajmet dubji dwar kemm ġew issodisfati tal-anqas uħud mill-kundizzjonijiet, filwaqt li l-awtoritajiet Griegi kkontestaw dik l-opinjoni. Għandu jiġi nnutat li dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi, jiġifieri li n-nuqqas ta' twettiq anke ta' waħda minnhom huwa biżżejjed biex il-garanzija mill-Istat titqies bħala għajnuna mill-Istat abbażi tal-valutazzjoni fil-premessi 124-128. Dan huwa tabilħaqq il-każ hawnhekk, peress li l-mutwatarji ma kellhomx iħallsu primjum, kif jitlob l-avviż tal-Kummissjoni dwar il-garanziji. Għalhekk għandu jiġi konkluż li l-iskemi ma kinux jiffinanzjaw lilhom infushom; ma kien hemm l-ebda reviżjoni annwali prevista tal-primjum xieraq; l-ispejjeż amministrattivi tal-iskema ma kinux koperti u ma kien hemm l-ebda rimunerazzjoni annwali ta' kapital adegwat. Barra minn hekk, il-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi ma kinux jirreferu għall-possibbiltà li jintużaw primjums li jipprovdu livell xieraq ta' protezzjoni jew primjums waħdanin għal SMEs fejn applikabbli. Fl-aħħar nett, ma kien hemm l-ebda determinazzjoni ta' kumpaniji eliġibbli f'termini ta' klassifikazzjoni, u b'hekk ġiet affettwata t-trasparenza ġenerali tal-iskemi. L-ebda wieħed minn dawn l-elementi ma ġie inkluż fil-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi, filwaqt li l-awtoritajiet Griegi naqsu milli jipprovdu evidenza kuntrarja.

---

([49]) Ara wkoll l-"Avviż tal-Kummissjoni tal-2000", it-Taqsima 2.1.1.

([50]) Ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' April 2014, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, Kawża T-150/12, EU:T:2014:191, il-paragrafi 82-85, 98.

([51]) Ara wkoll "l-Avviż tal-Kummissjoni tal-2000", it-Taqsima 3.4.

(130) Fi kwalunkwe każ, għall-finijiet ta' kompletezza, il-Kummissjoni se tindirizza l-osservazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet Griegi dwar kundizzjonijiet oħra, li kellhom jiġu ssodisfati wkoll, sabiex tiġi eskluża l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-garanziji mill-Istat.

(131) Il-Kummissjoni tibqa' tal-opinjoni li l-iskemi kienu miftuħa għal impriżi f'diffikultà finanzjarja, minħabba li ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni li teskludi lil dawn l-impriżi fil-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi. L-awtoritajiet Griegi ssuġġerew li l-Bord tal-Immaniġġjar u l-Valutazzjoni tar-responsabbiltà għall-garanziji mill-Istat Grieg aċċerta l-vijabbiltà tal-benefiċjarji qabel ma ngħatat il-garanzija mill-Istat fuq il-bażi tal-istudji tal-vijabbiltà sottomessi – għal dawk il-benefiċjarji, li minnhom kienet meħtieġa s-sottomissjoni ta' studju tal-vijabbiltà – u l-bqija tad-dokumenti sottomessi meħtieġa. Madankollu, l-istudji tal-vijabbiltà kienu meħtieġa biss mill-benefiċjarji li xtaqu jirranġaw id-djun li jaqbżu EUR 100 000,00. Għalhekk, dak l-indikatur ma kienx għad-dispożizzjoni tal-Bord biex jivvaluta l-vijabbiltà tal-benefiċjarji l-oħra. Il-fatt li l-ammonti ta' dejn taħt EUR 100 000,00 ġew ikkunsidrati baxxi mill-awtoritajiet Griegi huwa irrilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni jekk l-impriżi f'diffikultà kinux esklużi mill-iskemi.

(132) L-awtoritajiet Griegi argumentaw ukoll (ara l-premessi 92-93 hawn fuq) li l-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi inkwistjoni kienu differenti minn dawk ivvalutati mid-Deċiżjoni 2012/307/UE, li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni kienet sabet li kienu japplikaw għal impriżi f'diffikultà (ara l-premessa 41 hawn fuq). Il-Kummissjoni analizzat il-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi inkwistjoni u waslet għall-istess konklużjoni. F'dan ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li studju tal-vijabbiltà jikkunsidra l-obbligazzjonijiet totali tal-benefiċjarji wara l-arranġament mill-ġdid tad-dejn skont l-iskema inkwistjoni. Konsegwentement, studju tal-vijabbiltà bħal dan offra biss valur limitat fid-determinazzjoni ta' jekk fil-mument tal-għoti tal-garanziji mill-Istat, u mhux fi stadju aktar tard, il-benefiċjarji kinux impriżi f'diffikultà finanzjarja.

(133) Fl-aħħar nett, minħabba li l-Bord tal-Immaniġġjar u l-Valutazzjoni tar-responsabbiltà għall-garanziji mill-Istat Grieg evalwa l-applikazzjonijiet kollha għall-garanziji mill-Istat taħt dawn l-iskemi qabel l-approvazzjoni finali tagħhom, id-deċiżjoni tal-ftuħ iddikjarat li l-awtoritajiet Griegi ma setgħux sussegwentement jargumentaw li l-garanziji approvati mill-Istat kienu nulli u bla effett *ex tunc* (ara l-premessa 49 ta' din id-Deċiżjoni). L-awtoritajiet Griegi kkontestaw din is-sejba (ara l-premessa 96 ta' din id-Deċiżjoni), bl-argument li tali revoka retroattiva tal-garanziji mill-Istat tista' sseħħ jekk il-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħhom ma jiġux issodisfati sussegwentement mill-istituzzjoni finanzjarja rilevanti. Dan l-argument fl-aħħar mill-aħħar jolqot il-kwistjoni tal-imputabbiltà ta' dawn il-garanziji mill-Istat. F'dan ir-rigward għandu jiġi nnutat li l-għajnuna tingħata fil-mument meta tingħata l-garanzija mill-Istat, mhux meta tiġi invokata l-garanzija jew meta jsiru l-ħlasijiet. Barra minn hekk, il-kwistjoni dwar jekk il-garanzija tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat għandha tiġi vvalutata fil-mument li tingħata l-garanzija ([52]). Għalhekk, peress li l-garanziji mill-Istat mogħtija taħt dawn l-iskemi kienu ġew evalwati qabel u nstabu mill-Bord, korp Statali mingħajr ebda dubju, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet applikabbli, ma jistgħux jitqiesu wara li ma kinux imputabbli lill-Istat u li qatt ma ngħataw. Ovvjament dan kien ikun xenarju kompletament differenti u irrelevanti għall-valutazzjoni preżenti, li kieku l-istituzzjonijiet finanzjarji barra mill-kontroll tal-Istat kisru l-bażijiet ġuridiċi rilevanti u indipendentement mill-Istat taw self fuq il-fehim apparenti li dawn kienu koperti mill-iskemi inkwistjoni għalkemm ma kienx hemm konformità mal-kundizzjonijiet applikabbli.

(134) Għal dawk ir-raġunijiet il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens mogħti fil-forma kemm ta' sussidji fuq l-imgħax kif ukoll ta' garanziji mill-Istat fuq il-bażi tal-iskemi inkwistjoni lil impriżi fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(135) Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi eżaminat jekk tistax tapplika deroga mill-prinċipju ġenerali ta' inkompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq intern stabbilit fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

### 2. **Klassifikazzjoni tal-iskemi bħala għajnuna illegali**

(136) Il-proċedura ta' investigazzjoni formali kkonfermat is-sejbiet tad-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessa 54 ta' din id-Deċiżjoni). Il-Greċja ma kkontestatx il-fatt li l-għajnuna inkwistjoni ngħatat mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni. Għalhekk hija għajnuna illegali fis-sens tal-Artikolu 1(f) tar-Regolament (UE) 2015/1589. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-awtoritajiet Griegi ma ssodisfawx l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw l-iskemi skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

([52]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-garanziji, it-Taqsima 2.1; ara wkoll l-"Avviż tal-Kummissjoni tal-2000", it-Taqsima 2.1.2.

### 3. **Kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern**

(137) Jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-għajnuna illegali tistax titqies kompatibbli skont l-Artikolu 107(2) jew (3) tat-TFUE. Il-Greċja invokat fl-istadju tal-valutazzjoni preliminari tal-każ il-kompatibbiltà tal-iskemi inkwistjoni mal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE bħala għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali. Il-Greċja argumentat ukoll bħala alternattiva fl-istadju tal-proċedura ta' investigazzjoni formali li l-iskemi ta' għajnuna kienu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE bħala għajnuna biex tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija tal-pajjiż.

(138) Fir-rigward tal-kwistjoni jekk in-nirien estensivi għandhomx jiġu kklassifikati bħala diżastri naturali, kif ippreżentat mill-Greċja, jew bħala okkorrenza eċċezzjonali, l-osservazzjoni rilevanti li saret fid-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessa 57 ta' din id-Deċiżjoni), għadha valida. Irrispettivament mill-klassifikazzjoni tan-nirien, il-kompatibbiltà xorta tiġi vvalutata skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE.

(139) Ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-każ huma dawk li kienu fis-seħħ meta ngħatat l-għajnuna (ara l-premessa 58). Dawn kienu l-Linji Gwida Komunitarji għall-Għajnuna mill-Istat fis-Settur tal-Agrikoltura u l-Forestrija bejn l-2007 u l-2013 ("il-Linji Gwida 2007-2013") ([53]), u b'mod partikolari t-Taqsima V.B.2 għall-agrikoltura u t-Taqsima VII għall-forestrija.

(140) Minħabba li l-iskemi inkwistjoni ma kinux jeskludu impriżi f'diffikultà (ara l-premessa 40 u l-premessi 131-132), il-kjarifika li saret fid-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessa 59 ta' din id-Deċiżjoni) tibqa' valida. Għalhekk, għajnuna għal impriżi f'diffikultà tista' titqies kompatibbli biss jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Linji Gwida S&R, li kienu applikabbli fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna. L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola hija għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali, li għalihom il-Linji Gwida S&R ma japplikawx (ara l-punti (19) u (20) tal-Linji Gwida S&R). Għal din ir-raġuni, il-valutazzjoni fil-premessi 142 sa 151 ibbażata fuq l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE tapplika għall-benefiċjarji kollha irrispettivament mill-vijabbiltà tagħhom fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna. Il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà li saret fil-premessi 160 sa 163 tagħmel differenza bejn impriżi b'saħħithom u impriżi f'diffikultà, li għalihom japplikaw il-Linji Gwida S&R.

(141) L-argument tal-awtoritajiet Griegi (ara l-premessa 98), li skontu l-Linji Gwida jenħtieġ li jiġu interpretati skont id-deroga awtomatika tal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE, ma jistax jiġi aċċettat. Dik l-interpretazzjoni tmur kontra l-każistika stabbilita tal-Qrati tal-Unjoni. Skont dik il-każistika, l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE, li jikkostitwixxi deroga mill-prinċipju ġenerali stabbilit fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE li l-għajnuna mill-Istat hija inkompatibbli mas-suq intern, irid jiġi interpretat b'mod ristrett ([54]). Barra minn hekk, il-Qorti ddeċidiet li l-iżvantaġġi ekonomiċi kkawżati direttament minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali biss jikkwalifikaw għal kumpens kif previst fl-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE ([55]). Fi kliem ieħor, id-deroga tal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE hija awtomatika fis-sens li mhijiex fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni li tiddeċiedi li għajnuna mill-Istat li taqa' fil-kompetenza tagħha hija kompatibbli. Madankollu, irid jiġi ppruvat li l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-deroga; jiġifieri li hija tabilħaqq tikkumpensa għall-ħsara li fil-fatt tkun ġiet ikkawżata minn diżastru naturali jew okkorrenza eċċezzjonali.

*Għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali*

(142) Fir-rigward tal-għajnuna mogħtija fl-agrikoltura, l-investigazzjoni uffiċjali mwettqa mill-Kummissjoni wasslet għall-istess konklużjonijiet bħal fid-deċiżjoni tal-ftuħ, fir-rigward tan-nuqqas ta' twettiq tal-kundizzjonijiet tat-Taqsima V.B.2 tal-Linji Gwida 2007-2013. Skont il-Linji Gwida, (a) il-Greċja kellha turi rabta diretta bejn il-ħsara u d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali, u (b) l-għajnuna ma kellhiex tirriżulta f'kumpens żejjed għall-ħsara u kellha tagħmel tajjeb biss għall-ħsara kkawżata mid-diżastru naturali jew mill-okkorrenza eċċezzjonali. Għal dan il-għan il-ħsara kellha tkun ivvalutata b'mod kemm jista' jkun preċiż filwaqt li l-kumpens li rriżulta minn dik il-ħsara kellu jkun ikkalkulat fil-livell tal-benefiċjarju individwali. Fl-istess ħin kwalunkwe pagament dovut, pereżempju taħt poloz tal-assigurazzjoni, kellu jitnaqqas mill-ammont tal-għajnuna.

([53]) ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.

([54]) Ara: s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 2004, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-73/03, EU:C:2004:711, il-paragrafu 36; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-278/00, EU:C:2004:239, il-paragrafu 81.

([55]) Ara: is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 2004, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-73/03, EU:C:2004:711, il-paragrafu 37;is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-278/00, EU:C:2004:239, il-paragrafu 82; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-278/00, EU:C:2004:239, il-paragrafu 82 b'aktar referenzi.

(143) Kif innutat fil-premessa 61, irrispettivament minn jekk in-nirien f'dan il-każ kellhomx jitqiesu bħala nirien ta' oriġini naturali, u għalhekk bħala diżastri naturali, jew nirien li rriżultaw f'telf mifrux, u għalhekk bħala okkorrenzi eċċezzjonali, l-impriżi li ġarrbu ħsara minnhom jistgħu jikkwalifikaw bħala benefiċjarji ta' għajnuna skont il-kundizzjonijiet imsemmija fil-premessa 141.

(144) Madankollu, l-iskemi li qed jiġu vvalutati ma jissodisfaw l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet. Ma jiddefinixxux dak li jikkwalifika bħala ħsara u ma jeħtiġux l-istabbiliment ta' xi rabta bejn il-ħsara mġarrba u n-nirien. Kif analizzat fil-premessa 62, jidher ċar mit-test tal-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi li l-unika rabta bejn il-benefiċjarji u n-nirien hija li dawk tal-ewwel huma stabbiliti u joperaw, irrispettivament mis-sede reġistrata tagħhom, f'waħda miż-żoni ġeografiċi affettwati min-nirien. Minflok rekwiżit ta' rabta diretta bejn il-ħsara u n-nirien, l-iskemi ta' għajnuna introduċew rabta ġeografika ġenerali bejn l-istabbiliment tal-benefiċjarji u ż-żoni usa' fejn seħħew in-nirien. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi żvelaw fl-osservazzjonijiet tagħhom ippreżentati fit-23 ta' Settembru 2016 li kien hemm preżunzjoni li minħabba s-severità tan-nirien, l-impriżi **kollha** ġarrbu ħsara. It-test applikabbli, għalhekk, ma kienx dak ta' rabta diretta bejn il-ħsara u n-nirien, iżda dak ta' preżunzjoni ta' ħsara. Għalhekk l-iskemi huma wiesgħa wisq u ma jistgħux jitqiesu bħala għajnuna biex jikkumpensaw għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali ([56]).

(145) L-awtoritajiet Griegi sfidaw ukoll (ara l-premessa 99) il-validità tas-sejba fid-deċiżjoni tal-ftuħ, ikkwotata fil-premessa 63 ta' din id-Deċiżjoni. Huma ssuġġerew li l-eċċezzjoni inkluża fil-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi, li kuntrarju għall-bqija tal-iskemi f'daqqa waħda kienet teħtieġ li l-benefiċjarji juru rabta diretta bejn il-ħsara tagħhom u n-nirien, indikat biss li għal xi każijiet partikolari ntalbet prova addizzjonali. Għandu jiġi nnutat li din is-sejba kienet anċillari għall-punt prinċipali, jiġifieri li ma kien hemm l-ebda rekwiżit ta' rabta diretta bejn il-ħsara u n-nirien fl-iskemi. In-nuqqas ta' rabta diretta huwa ċar u ġie stabbilit fil-premessa 143. L-osservazzjoni tal-awtoritajiet Griegi hija madankollu preċiża u fil-fatt tirrifletti s-sejba tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha. L-eċċezzjoni kienet teħtieġ prova addizzjonali mill-benefiċjarji, li tmur kontra r-rekwiżiti għall-partijiet l-oħra tal-iskemi; jiġifieri kienet tirrikjedi li l-benefiċjarji jagħtu prova ta' rabta diretta bejn il-ħsara tagħhom u n-nirien. Dan ir-rekwiżit ma kienx japplika għall-bqija tal-iskemi.

(146) Barra minn hekk, l-iskemi ma kien fihom l-ebda metodoloġija għal valutazzjoni kemm jista' jkun preċiża tal-ħsara mġarrba min-nirien u lanqas ma ddeterminaw l-ispejjeż eliġibbli fuq il-bażi ta' dik il-ħsara. Minflok, ġie adottat approċċ arbitrarju fejn l-ammont tal-għajnuna kien finalment determinat mill-ammont tas-self li għalih ingħata s-sussidju fuq l-imgħax u l-garanzija mill-Istat, kif deskritt fid-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessa 64 ta' din id-Deċiżjoni). Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna kienet kompletament disassoċjata mill-ħsara, jekk kien hemm, ikkawżata min-nirien. Il-Greċja ma kkontestatx din is-sejba tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

(147) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi ma kkontestawx is-sejba tad-deċiżjoni tal-ftuħ li l-iskemi ma kienx fihom mekkaniżmu biex jiġi evitat il-kumpens żejjed għall-ħsara kkawżata min-nirien minħabba għajnuna oħra mogħtija jew minħabba ħlasijiet dovuti għal poloz tal-assigurazzjoni (ara l-premessa 65).

(148) Fl-aħħar nett, skont ir-rekwiżit stabbilit fil-punt (119) tal-Linji Gwida 2007-2013 l-iskemi ta' għajnuna kellhom ikunu stabbiliti mhux aktar tard minn tliet snin wara li jkun seħħ l-avveniment u jitħallsu mhux aktar minn erba' snin wara li jkun seħħ l-avveniment. Il-Kummissjoni tinnota li l-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni ġew emendati u supplimentati sal-2015 (ara l-premessi 9-10). Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-awtoritajiet Griegi ħolqu elementi ġodda addizzjonali ta' għajnuna mill-Istat, li ma kinux konformi mal-limiti ta' żmien stabbiliti fil-punt (119) tal-Linji Gwida 2007-2013 u għalhekk ma kinux kompatibbli mas-suq intern.

(149) Fir-rigward tal-għajnuna mogħtija fil-forestrija, deher ċar fil-proċess tal-investigazzjoni formali tal-każ inkwistjoni li l-iskemi kienu purament ta' natura kumpensatorja u ma kellhomx l-għan li jirrestawraw il-foresti li saritilhom ħsara min-nirien. Minħabba li dawn il-miżuri ma kienu regolati minn ebda Linji Gwida fil-mument tal-għoti tal-għajnuna, dawn jiġu vvalutati direttament skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE.

---

([56]) Ara: is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-278/00, EU:C:2004:239, il-paragrafu 85.

(150) Il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE huma dettaljati fil-premessa 68. Trid teżisti rabta diretta bejn il-ħsara u d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali, għandu jiġi eskluż il-kumpens żejjed għall-ħsara u l-għajnuna għandha tikkumpensa biss għall-ħsara kkawżata mid-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali ([57]). Barra minn hekk, l-għajnuna fil-forom kollha għal kull benefiċjarju għandha tkun limitata għall-ħsara materjali li tkun saret. Il-valutazzjoni dwar it-twettiq ta' dawn il-kundizzjonijiet li saret fil-premessi 144-147 għas-settur agrikolu, tapplika *mutatis mutandis* għas-settur tal-forestrija. L-iskemi ma kinux jirrikjedu l-prova tal-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-ħsara u n-nirien, u lanqas ma kien fihom dispożizzjonijiet sabiex jiġi evitat il-kumpens żejjed. Barra minn hekk, fid-dawl tan-nuqqas ta' kwalunkwe metodoloġija fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ħsara materjali li seħħet minħabba n-nirien, il-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi ma setgħux jillimitaw l-għajnuna għal dik il-ħsara materjali.

(151) L-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni għalhekk mhumiex kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE.

*Għajnuna sabiex tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru*

(152) L-awtoritajiet Griegi argumentaw, bħala alternattiva, li l-għajnuna mill-Istat inkwistjoni setgħet titqies kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE bħala għajnuna biex tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru. B'appoġġ għal dan l-argument, permezz tal-ittra tad-9 ta' Marzu 2017, l-awtoritajiet Griegi ppreżentaw lill-Kummissjoni *data* statistika dwar il-produzzjoni agrikola u l-PDG fil-Greċja kollha u fiż-żoni affettwati min-nirien. Huma hemżu wkoll kopja tal-istudju: "*In-nirien fil-foresti: il-kawżi u l-fatturi li jikkontribwixxu fl-Ewropa*" ([58]) u rreferew għal artiklu fl-istampa Griega tas-6 ta' Settembru 2007 ([59]).

(153) Il-Kummissjoni tinnota li skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE, l-għajnuna biex tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru tista' titqies kompatibbli mas-suq intern.

(154) Madankollu, għandu jitqies il-kuntest u l-istruttura ta' din id-dispożizzjoni u l-ħtieġa ta' interpretazzjoni stretta tad-derogi mill-prinċipju ġenerali li l-għajnuna mill-Istat hija inkompatibbli mas-suq intern ([60]). It-taqlib serju msemmi f'dik id-dispożizzjoni għandu jaffettwa l-ekonomija kollha tal-Istat Membru, mhux biss dik ta' wieħed mir-reġjuni jew mis-setturi tiegħu ([61]). F'każijiet fejn reġjuni jew setturi partikolari ta' Stat Membru jkunu affettwati, l-Artikolu 107(3)(a) u (c) tat-TFUE biss japplika ([62]).

(155) Fir-rigward tad-*data* statistika pprovduta mill-awtoritajiet Griegi fid-9 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni tikkonkludi li din id-*data* ma tappoġġjax l-argument imqajjem fil-premessa 152. B'mod partikolari, għalkemm id-*data* tindika xi varjazzjonijiet fil-produzzjoni (kemm żieda kif ukoll tnaqqis fil-produzzjoni agrikola u totali fil-perjodu 2007-2009), hija ma tindika l-ebda "*taqlib*" fl-ekonomija kollha tal-Greċja, u wisq inqas wieħed serju. Barra minn hekk, m'hemm assolutament l-ebda indikazzjoni li turi li kwalunkwe impatt fuq il-produzzjoni fil-Greċja jista' jiġi attribwit għan-nirien tal-2007. Fl-aħħar nett, id-*data* statistika pprovduta mill-awtoritajiet Griegi tkopri biss perjodu ta' tliet snin (2007-2009); għalhekk, ma tipprovdix indikazzjoni suffiċjenti dwar l-evoluzzjoni fit-tul tal-produzzjoni agrikola u l-impatt tagħha fuq il-produzzjoni totali fil-Greċja fil-perjodu ta' wara n-nirien.

(156) Għall-finijiet ta' kompletezza, il-Kummissjoni analizzat id-*data* statistika dwar il-produzzjoni fil-Greċja (kemm il-produzzjoni agrikola kif ukoll dik totali li tkopri s-setturi kollha tal-industrija) ippubblikata mill-Eurostat ([63]).

([57]) Is-sentenza tal-1 ta' Frar 2018, *Larko vs Il-Kummissjoni*, T-423/14, EU:T:2018:57, il-paragrafu 156.

([58]) Studju mitlub mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament Ewropew, Frar 2008: "*In-nirien fil-foresti: il-kawżi u l-fatturi li jikkontribwixxu fl-Ewropa*", IP/A/ENVI/ST/2007-15, disponibbli fuq: http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/join/2008/401003/IPOL-ENVI_ET(2008)401003_EN.pdf.

([59]) http://www.tanea.gr/news/economy/article/36098/?iid=2

([60]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' April 2014, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, T 150/12, EU:2014:T:191, il-paragrafu 146, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, *Carrefour Hypermarchés and Others*, C-510/16, EU:C:2018:751, il-paragrafu 37.

([61]) Ara: is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Settembru 2003, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-301/96, EU:C:2003:509, il-paragrafi 105-106; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 1999, *Freistaat Sachsen and Volkswagen vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-132/96 u T-143/96, EU:T:1996:326, il-paragrafu 167.

([62]) Ara: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/725/KE tas-27 ta' Lulju 1994 dwar miżuri adottati mill-Gvern Franċiż rigward il-laħam tal-majjal (ĠU L 289, 10.11.1994, p. 26).

([63]) http://ec.europa.eu/eurostat/web/products-datasets/-/teina442_r2. Id-*data* statistika hija ppreżentata fil-graff t'hawn taħt.

(157) Fir-rigward tal-produzzjoni agrikola ġenerali fil-Greċja ([64]), id-*data* statistika turi b'mod ċar li t-tnaqqis fil-produzzjoni segwa xejra fit-tul, li kienet bdiet lura fl-2005 u li damet sa tmiem l-2007. Barra minn hekk, il-graff turi b'mod ċar li, mill-bidu tal-2008, il-produzzjoni agrikola ġenerali fil-Greċja kienet qed tiżdied b'mod kostanti sal-2010. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li ma hemm l-ebda evidenza li turi impatt negattiv serju tan-nirien fl-2007 fuq il-produzzjoni agrikola ġenerali tal-Greċja.

(158) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva li fil-perjodu 2007-2009 il-produzzjoni totali fil-Greċja ([65]) kienet qed tiżdied b'mod kostanti sakemm kien hemm il-kriżi finanzjarja, li affettwat lill-Greċja fl-2009. B'riżultat ta' dan, id-*data* disponibbli ma tippruvax li n-nirien kellhom effett sinifikanti fuq l-ekonomija tal-Greċja kollha kemm hi.

*Sors:* Eurostat (http://ec.europa.eu/eurostat/web/products-datasets/-/teina442_r2)




(159) Għalhekk l-argument imqajjem mill-awtoritajiet Griegi fil-premessa 152 għandu jiġi rifjutat.

*Għajnuna biex tippromwovi jew tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti żoni ekonomiċi*

(160) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-kompatibbiltà possibbli tal-iskemi eżaminati skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE bħala għajnuna għall-promozzjoni jew l-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' ċerti żoni ekonomiċi. L-awtoritajiet Griegi ma ressqu l-ebda argument anke fl-istadju tal-investigazzjoni formali li l-iskemi setgħu jinstabu kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, filwaqt li ma qablux li l-iskemi setgħu kienu ta' benefiċċju wkoll għall-impriżi f'diffikultà. Dan jispjega għaliex ma ppruvawx jargumentaw li l-Linji Gwida S&R kienu japplikaw u kienu ġew rispettati. Madankollu, il-Kummissjoni bdiet valutazzjoni bħal din fid-deċiżjoni tal-ftuħ għall-finijiet ta' kompletezza. Din id-Deċiżjoni teżamina fil-qosor is-sejbiet tad-deċiżjoni tal-ftuħ, billi dawn ġew ikkonfermati matul l-investigazzjoni formali.

(161) Fir-rigward tal-impriżi b'saħħithom li bbenefikaw minn dawn l-iskemi, huma rċevew għajnuna operattiva, li ma tistax tinstab kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

(162) Bħal fil-każ ta' impriżi f'diffikultà li ngħataw għajnuna skont l-iskemi inkwistjoni, il-valutazzjoni trid issir skont il-Linji Gwida S&R (ara l-premessi 59 u 73). Għal darb'oħra, kif indikat fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-valutazzjoni mhijiex limitata għall-SMEs, peress li l-iskemi kienu miftuħa għall-impriżi kollha.

([64]) Ara: il-linja ħamra fil-graff.
([65]) Ara: il-linja blu fil-graff.

(163) Minħabba l-karatteristiċi tal-iskemi inkwistjoni, jiġifieri għajnuna fit-tul mogħtija mingħajr ebda pjan ta' ristrutturar, l-ebda miżura ta' kumpens ma ttieħdet biex ikunu minimizzati l-effetti negattivi fuq il-kundizzjonijiet kummerċjali, l-ebda kundizzjoni li ma tħallix lill-benefiċjarji jużaw l-għajnuna biex jiffinanzjaw investiment ġdid mhux essenzjali biex il-kumpanija terġa' ssir vijabbli, l-iskemi ma jikkonformawx mal-Linji Gwida S&R, kif analizzati fid-dettall fid-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessi 72-78 tad-deċiżjoni tal-ftuħ).

*Kompatibbiltà possibbli ma' derogi oħra fl-Artikolu 107 tat-TFUE*

(164) Għall-finijiet ta' kompletezza ([66]), il-Kummissjoni tosserva li s-sejbiet tad-deċiżjoni tal-ftuħ fir-rigward tal-inkompatibbiltà ta' derogi oħra fl-Artikolu 107 tat-TFUE mill-projbizzjoni tal-għoti ta' għajnuna f'dawn l-iskemi (ikkwotati fil-premessi 81-82 ta' din id-Deċiżjoni) ġew ikkonfermati matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Bl-eċċezzjoni tad-deroga taħt l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE, li l-applikabbiltà tagħha f'dan il-każ ġiet diskussa fil-premessi 153-159, la l-awtoritajiet Griegi u lanqas kwalunkwe parti terza ma argumentaw il-kuntrarju.

*Kunsiderazzjonijiet finali*

(165) Fl-aħħar nett, il-bażijiet ġuridiċi tal-iskemi ma kellhom l-ebda dispożizzjoni biex jiġi rrispettat il-prinċipju Deggendorf. Skont dan il-prinċipju, l-impriżi li jkunu bbenefikaw minn għajnuna preċedenti, li tkun instabet li kienet inkompatibbli mill-Kummissjoni, ma setgħux jirċievu għajnuna skont dawn l-iskemi sakemm ma jkunux irrimborżaw dik l-għajnuna preċedenti ([67]). Dan il-prinċipju ma japplikax għall-għajnuna li tikkumpensa għall-ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE. Konsegwentement, minħabba n-nuqqas ta' konformità ma' dan il-prinċipju, l-ebda waħda mill-bażijiet ġuridiċi l-oħra eżaminati ma setgħet tiġġustifika l-għoti ta' għajnuna taħt dawn l-iskemi.

## VI. **KONKLUŻJONI**

(166) Il-Kummissjoni ssib li l-iskemi ta' għajnuna stabbiliti skont id-Deċiżjoni Ministerjali Nru 36579/B.1666/27-8-2007 (b'emendi sussegwenti) fil-forma ta' sussidji fuq l-imgħax u garanziji mill-Istat Grieg jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-Kummissjoni ssib li l-Greċja implimentat illegalment l-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. L-analiżi ta' hawn fuq turi li l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

(167) Jirriżulta b'mod partikolari li, l-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Greċja lil Sogia Ellas u s-sussidjarji tagħha fil-forma ta' sussidji fuq l-imgħax taħt l-iskemi msemmija fil-premessa 166 hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

## VII. **IRKUPRU**

(168) Minħabba li l-għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern, il-Greċja jenħtieġ li ttemm l-iskemi ta' għajnuna u tirkupra l-għajnuna mogħtija mill-benefiċjarji, sakemm l-għajnuna ma tkunx ingħatat għal proġett speċifiku, li, fiż-żmien tal-għoti, kien jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tar-regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija, ir-regolament *de minimis* jew ta' skema ta' għajnuna approvata mill-Kummissjoni.

(169) Fir-rigward tal-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet Griegi li hemm impossibbiltà assoluta li jiġu rkuprati l-għajnuniet mill-Istat (ara l-premessi 101-102), dawn mhumiex rilevanti għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà mwettqa f'din id-Deċiżjoni iżda għandhom l-għan espliċitu li jwasslu lill-Kummissjoni biex ma titlobx lill-Greċja tirkupra l-għajnuna inkompatibbli. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet Griegi jirreferu għall-prattika preċedenti ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni (ara l-premessa 102).

([66]) Skont il-każistika tal-Qrati tal-UE, il-Kummissjoni mhix obbligata li tevalwa l-kompatibbiltà tal-miżuri fuq il-bażi tar-raġunijiet, li ma ġewx invokati mill-Istat Membru; ara f'dan ir-rigward: is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Frar 2018, *Larko vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-423/14, EU:T:2018:57, il-paragrafu 157.

([67]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 1995, *Textilwerke Deggendorf vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-244/93 u T-486/93, EU:T:1995:160, il-paragrafi 51-60.

(170) F'dan l-istadju l-Kummissjoni ma taċċettax l-argument tal-Greċja li hemm impossibbiltà assoluta li jiġu rkuprati l-għajnuniet mill-Istat ([68]). F'dan ir-rigward, iridu jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet kumulattivi wara eżami dettaljat mill-Kummissjoni, jiġifieri li d-diffikultajiet li joqgħod fuqhom l-Istat Membru kkonċernat huma reali u li m'hemm l-ebda metodu alternattiv ta' rkupru. Huwa biss jekk il-Kummissjoni, wara eżami dettaljat bħal dan, tkun sabet li ma kien hemm l-ebda metodu alternattiv li jippermetti l-irkupru parzjali tal-għajnuna illegali inkwistjoni li l-irkupru seta' jiġi kkunsidrat oġġettivament u assolutament impossibbli li jitwettaq. F'dan il-każ, il-Greċja ma kinitx teskludi metodi alternattivi għal tal-anqas irkupru parzjali, filwaqt li toqgħod biss fuq il-fatt li mhuwiex possibbli li tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa dwar il-ħsara diretta u indiretta kkawżata min-nirien, fin-nuqqas ta' kwalunkwe rekord u dokumentazzjoni tagħhom. Pereżempju, mhuwiex ċar jekk il-ħsara tistax tiġi approssimata fuq il-bażi ta' ritratti mill-ajru waqt in-nirien, rekords pubbliċi jew mezzi oħra. Għalhekk, it-talba biex ma jiġix ordnat l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat inkompatibbli ma tistax tiġi aċċettata f'dan l-istadju.

(171) Fir-rigward ta' deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni, skont il-każistika stabbilita tal-Qrati tal-Unjoni ([69]) ta' min jiġi nnutat li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat irid jiġi applikat għal sitwazzjoni oġġettiva, li trid tiġi evalwata fid-data li fiha l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni tagħha, l-uniku test ikun jekk miżura tal-Istat tagħtix vantaġġ lil impriża waħda jew aktar partikolari. Għaldaqstant, id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni ma jistgħux ikunu fattur deċiżiv.

(172) Il-Kummissjoni hija marbuta biss f'dan ir-rigward mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2015/1589. Għalhekk, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Proċedurali dwar l-irkupru tal-għajnuna, il-Kummissjoni trid tordna l-irkupru ta' għajnuna inkompatibbli. Barra minn hekk, il-perjodu ta' limitazzjoni għall-irkupru tal-għajnuna huwa ta' għaxar snin, li jibda mill-ġdid wara kull interruzzjoni, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2015/1589. L-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni daħlu fis-seħħ fil-25 ta' Awwissu 2007, filwaqt li l-ewwel azzjoni li ħadet il-Kummissjoni f'dan ir-rigward kienet l-ittra mibgħuta lill-awtoritajiet Griegi fil-25 ta' Lulju 2014 fejn talbet informazzjoni rigward dan il-każ.

(173) Fi kwalunkwe każ, il-kundizzjonijiet, li ġġustifikaw id-deċiżjoni li ma jiġix ordnat l-irkupru fil-każijiet imsemmija mill-Greċja (ara l-premessa 102 hawn fuq), mhumiex issodisfati hawnhekk. Fost l-oħrajn, fil-kawża SA.33083 (2012/C) (ex 2012/NN), id-diżastri naturali seħħew aktar minn għaxar snin qabel id-data tad-deċiżjoni; f'xi każijiet kien 25 sena qabel. Għall-kuntrarju, f'dan il-każ, in-nirien seħħew lejn l-aħħar tal-2007 u l-awtoritajiet Griegi kienu konxji mill-fatt li l-Kummissjoni kienet qed tittratta l-iskemi inkwistjoni minn nofs l-2014. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta t-talba tal-awtoritajiet Griegi li ma jiġi ordnat l-ebda rkupru tal-għajnuna inkompatibbli f'dan il-każ.

(174) Għaldaqstant, skont il-paragrafu 42 tal-Avviż mill-Kummissjoni: "Lejn implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli" jenħtieġ li jiġi impost limitu ta' żmien għall-Greċja biex din timplimentah b'mod sħiħ. Jenħtieġ li jitħallas l-imgħax fuq l-ammonti li se jiġu rkuprati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([70]).

(175) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiġi implimentata minnufih, ħlief għall-għajnuna li, fiż-żmien li tkun ingħatat, tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha fir-regolament *de minimis* applikabbli (ara l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 ([71])) jew fir-regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija. B'mod partikolari, l-għajnuna individwali mogħtija taħt l-iskemi ta' għajnuna koperti minn din id-deċiżjoni li, fi żmien li ngħatat, kienet tissodisfa l-

([68]) Ara s-sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tas-6 ta' Novembru 2018 fil-Kawżi Magħquda C-622/16P sa C-624/16P, *Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2018:873, il-paragrafi 96-97. Ara aktar dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' impossibbiltà assoluta li tiġi rkuprata bħala l-unika eċċezzjoni għall-obbligu ta' rkupru tal-għajnuna mill-Istat iddikjarata inkompatibbli mill-Kummissjoni: Avviż mill-Kummissjoni "Lejn implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli", ĠU C 272, 15.11.2007, p. 4, il-punti 18-20 u l-każistika kkwotata fih.

([69]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2009, *Associazione italiana del risparmio gestito and Fineco Asset Management vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-445/05, EU:T:2009:50, il-paragrafu 145.

([70]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([71]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali (ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1).

kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 702/2014 jew minn kwalunkwe skema ta' għajnuna oħra approvata jenħtieġ li titqies kompatibbli mas-suq intern, sal-intensitajiet massimi tal-għajnuna applikabbli għal dik it-tip ta' għajnuna,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iskemi ta' għajnuna stabbiliti skont id-Deċiżjoni Ministerjali Nru 36579/B.1666/27.8.2007 (b'emendi sussegwenti) fil-forma ta' sussidji fuq l-imgħax u garanziji mogħtija mir-Repubblika Ellenika jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Dawn l-iskemi ta' għajnuna mill-Istat iddaħħlu fis-seħħ b'mod illegali mir-Repubblika Ellenika, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE u huma inkompatibbli mas-suq intern.

Din id-Deċiżjoni tapplika biss għal attivitajiet marbuta mal-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, jiġifieri prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE bl-eċċezzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u għall-forestrija, kif definit mill-Eurostat. Għalhekk hija mingħajr preġudizzju għall-għajnuniet possibbli mogħtija lil setturi oħra tal-ekonomija skont l-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni.

*Artikolu 2*

1. Ir-Repubblika Ellenika għandha tirkupra l-għajnuniet imsemmija fl-Artikolu 1 mingħand il-benefiċjarji.

2. Is-somom li jridu jiġu rkuprati għandu jkollhom l-imgħax mid-data li fiha jkunu tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sal-irkupru effettiv tagħhom.

3. L-imgħax fuq is-somom li jridu jiġu rkuprati għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 u r-Regolament (KE) Nru 271/2008 ([72]) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

4. Ir-Repubblika Ellenika għandha tieqaf tagħti l-benefiċċju tal-iskemi msemmija fl-Artikolu 1 u għandha tikkanċella l-pagamenti kollha pendenti ta' għajnuna taħt l-iskemi msemmija fl-Artikolu 1 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 3*

L-għajnuna ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat jekk, fiż-żmien meta ngħatat, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 li kien japplika fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna.

*Artikolu 4*

L-għajnuna individwali mogħtija taħt il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 li, fi żmien li tingħata, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 702/2014 jew minn kwalunkwe skema ta' għajnuna oħra approvata hija kompatibbli mas-suq intern, sal-intensitajiet massimi tal-għajnuna applikabbli għal dik it-tip ta' għajnuna.

*Artikolu 5*

1. L-irkupru tal-għajnuna mogħtija taħt l-iskemi msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Ir-Repubblika Ellenika għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata bis-sħiħ fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

([72]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).

*Artikolu 6*

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, ir-Repubblika Ellenika għandha tippreżenta l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-lista ta' benefiċjarji li rċevew l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 u l-ammont totali ta' għajnuna riċevuta minn kull wieħed minnhom;

(b) l-ammont totali (kapital u imgħax) li għandu jiġi rkuprat minn kull benefiċjarju li rċieva għajnuna, li mhix koperta mir-regola *de minimis*, mir-Regolament (UE) Nru 702/2014 jew minn kwalunkwe skema ta' għajnuna approvata;

(c) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda u ppjanati biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni;

(d) dokumenti li juru li l-benefiċjarji kienu ordnati jħallsu lura l-għajnuna.

2. Ir-Repubblika Ellenika għandha żżomm lill-Kummissjoni informata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm tiġi rkuprata kompletament l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1. Fuq talba tal-Kummissjoni, hija għandha tissottometti minnufih informazzjoni dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati għall-finijiet ta' konformità ma' din id-Deċiżjoni. Għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti tal-għajnuna u tal-imgħax diġà rkuprati mill-benefiċjarji.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
Phil HOGAN
*Membru tal-Kummissjoni*